# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 849, Mejju 2003



## ŻEWĠ ESPERJENZI TA' OMMIJIET ŻGĦAŻAGĦ





# Ir-rabta ta' ħajtek m'għandhiex tkun is-self għal darek



## *Li tixtri dar għandha tkun esperjenza sabiħa mhux it-triq li twasslek għal ħabs finanzjarju*

Wara snin ta' stħarriġ APS Bank żviluppa prodott ġdid għal min irid jixtri dar ... **l-APluS Account**

Fl-APluS Account wieħed jista` jgħaqqad il-kontijiet tal-*current*, tas-*savings* u tas-self f'kont wieħed. Hu b'dan il-mod li jirnexxielek tiffranka eluf ta' liri matul iż-żmien tas-self. Minbarra li dan huwa l-aktar mod flessibbli u effettiv biex tixtri darek, l-APluS Account jgħinek ukoll biex tieħu l-iżjed vantaġġi mit-tħaddim ta' flusek.

Kollox tista` tibqa tagħmel waqt li tħallas is-self fuq darek, bħal

- tħallas l-edukazzjoni ta' uliedek
- tħallas għal tibdil strutturali f'darek
- twaqqaf negozju żgħir tiegħek
- tiddepożita l-flus għal proprjetà oħra
- tixtri karozza ġdida
- tħallas għal vaganza itwal minn waħda normali li dejjem xtaqt u li ħaqqek
- ikollok biex tilqa' għal emerġenzi mhux mistennija
- tħallas id-dejn tad-dar minn quddiem bla ma tidħol fi spejjeż ġodda

*jew għal kull ħtieġa li jkollok bżonn*



**APluS Account ...** ħalli darek taħdem għalik

APS BANK

Għal aktar tagħrif ċemplu

**21 243 243** (MALTA)

**21 563 512** (GHAWDEX)

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
"Day Centre" għall-Anzjani f'Għajnsielem • 12
Żewġ esperjenzi ta' ommijiet żgħażagħ • 16
Mary Rose Saliba u Lorietta Buttigieg
Versi Riflessivi -Żewġ poeżiji • 19
ACM: Ir-Rużarju • 20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu –
Ftehim għal provvista ta' laħam • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (17) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (16) • 26
Wirt Għiritna –
Il-Mużew tal-Folklor tal-Għarb • 30
Xhieda Nisranija : Fra Baskal (5) • 32
Għawdxin li għadna niftakru (5) -
Ġużeppa ta' Ġannpalist • 34
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 849***
***Mejju 2003***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta'April 2003*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


**Ritratt tal-Qoxra:**
**Żewġ Ommijiet Żgħażagħ Għawdxin**
**Mary Rose Saliba u Lorietta Buttigieg**

EDITORJAL

# Il-Familja Nisranija : Sejħa għal aktar Xhieda

*Waħda mill-aktar valuri għeżież għal kull soċjetà hija, bla dubju ta' xejn, l-istituzzjoni familjari. Nistgħu ngħidu li s-saħħa u l-istabbilità ta' soċjetà jew nazzjon tista' titkejjel fuq is-saħħa u l-valuri tal-familji li jiffurmawha.*

*Huwa fatt innegabbli però li 'llum, il-familja m'għadiex dak li kienet. L-istatistiċi juru li madwar id-dinja qed jikber in-numru ta' żwiġijiet li qiegħdin jisfaxxaw; f'xi pajjiżi Ewropej saħansitra terz taż-żwiġijiet jispiċċaw bis-separazzjoni jew bid-divorzju fejn dan hu legalment permess.*

*Il-Kardinal Alfonso Lopez Trujillo, President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Familja, li kien ukoll id-delegat tas-Santa Sede waqt ir-Raba' Laqgħa Mondjali tal-Familja, li saret fil-Filippini fl-aħħar ta' Jannar li għadda, waqt intervista dwar id-diffikultajiet tal-familja illum, ikkummenta li jeżistu kawżi interni u kawżi esterni li jikkawżaw il-fraġilità ta' l-għaqda taż-żwieġ: "Il-fraġilita` interna ġejja mit-tibdil soċjali: mhux għax għal xi żmien ma kienx hemm għarfien sħiħ tar-rabta esklussiva u dejjiema bejn il-koppji, iżda kien hemm l-ambjent soċjali li kien isostni l-għaqda taż-żwieġ bħala istituzzjoni li hija ta' ġid għall-miżżewġin, għall-ulied u għas-soċjetà. Illum m'għadux aktar hekk; l-ambjent soċjali ma jgħinx... Meta jaħkem l-individwaliżmu, iż-żwieġ u l-familja jbatu u jkunu fil-periklu." Fost il-kawżi l-oħra jissemmew ukoll il-permessiviżmu li sawwar mentalita` libertina f'kull sens, it-telf jew id-dgħajjef tal-valuri nsara u n-nuqqas tas-sagralità ta' l-istess żwieġ.*

*Illum sfortunatament tisma b'każijiet preokkupanti ta' tkissir tar-rabta taż-żwieġ wara biss ftit ta' snin f'din l-għaqda, fuq kwistjonijiet anke ta' natura ħafifa li jistgħu jiġu solvuti bi ftit ta' għaqal u sagrifiċċju. Għaldaqstant illum dawn il-valuri u oħrajn bħal ma huma l-valuri tar-rispett reċiproku, s-sinċerità, d-dedikazzjoni, il-maħfra u fuq kollox l-imħabba vera jidher li fost xi uħud qabdu sew it-triq tan-niżla.*

*F'dan il-kuntest irridu nsemmu l-ulied li qiegħdin jitilgħu f'dawn l-ambjenti ta' inċertezza, instabbiltà u nuqqas ta' mħabba, fejn kulħadd ifittex l-ewwel l-interessi egoistiċi u individwali tiegħu.*

*Għaldaqstant, kif semma l-Papa fil-messaġġ li ta lill-familji nsara fl-okkażjoni tal-festa tal-Familja Mqaddsa tas-sena li għaddiet, illum għandna bżonn ta' aktar xhieda minn dawk il-familji, li m'humiex ftit, li qiegħdin ifittxu li jgħixu ż-żwieġ tagħhom bħala żwieġ nisrani minkejja s-sagrifiċċji u l-impenn li dan jista' jġib miegħu. Ara l-esperjenzi f'p. 16-18.*

SEMINARY READING ROOM

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

Seminarista Victor Said

## Il-Ftuħ u t-Tberik tad-Dar tad-Duttrina (MUSEUM) fiż-Żebbuġ

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ u t-tberik tal-bini tal-MUSEUM il-ġdid fil-parroċċa taż-Żebbuġ saret is-Sibt, 22 ta' Marzu, 2003, fil-5.00 ta' fil-għaxija fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, quddiem il-bini l-ġdid tal-MUSEUM. Għall-okkażżjoni ittella' programm li fih saru ħames diskorsi. Is-superjur tal-MUSEUM taż-Żebbuġ, is-Superjur Ġanni Tabone rringrazzja lill-benefatturi u lil dawk kollha voluntiera u mhumiex li ħadmu biex tlesta dan il-bini tad-duttrina f'inqas minn erba' snin. Imbagħad tkellem is-Superjur tal-MUSEUM f'Għawdex, is-Sur Emanuel Attard, li wera l-apprezzament tiegħu għall-attendenza tat-tfal taż-Żebbuġ fil-MUSEUM u għall-koperazzjoni tal-ġenituri f'dan il-qasam. Is-Superjur Ġenerali is-Sur Victor Delicata tkellem dwar is-sehem tal-MUSEUM fil-formazzjoni tal-familji tajbin ta' għada. Imbagħad l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, tkellem dwar kif il-MUSEUM jista' jgħin biex jifforma nsara u ċittadini tajbin. L-Arċipriet tal-Parroċċa taż-Żebbuġ, il-Kan. Dun Noel Saliba tkellem fuq il-ħtieġa ta' katekisti ffurmati tajjeb u kif il-MUSEUM għandu kontribut qawwi x'joffri f'dan il-qasam. Matul il-programm, ħadet sehem il-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ u daqqet diversi innijiet Marjani. Fl-aħħar taċ-ċerimonja is-Superjur Ġenerali fetaħ il-Mużew il-ġdid filwaqt li Mons Isqof bierek il-post u l-poplu miġbur għall-okkażjoni u mbagħad l-Arċipriet kixef lapida ta' tifkira.







### *Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu*

Fl-istess ġurnata sar il-Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan li jiġi organizzat ta' kull sena mill-KDAL. Dan il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn is-siġra awrikarja għas-Santwarju ta' Pinu fis-6.00 ta' filgħaxija. Wara l-pellegrinaġġ, fis-6.30 kien hemm konċelebrazzjoni immexxija minn Mons Isqof. Kemm għall-pellegrinaġġ kif ukoll għall-konċelebrazzjoni ħadu sehem diversi membri ta' għaqdiet u movimenti ekkleżjali li jagħmlu parti ħajja mid-djoċesi. Ta' min jinnota li għal din is-sena l-laqgħa li s-soltu ssir lill-irġiel fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp ingħaqdet ma' dan il-pellegrinaġġ penitenzjali Djoċesan. Matul l-omelija Mons Isqof saħaq li ebda nisrani ma jista' jżomm il-mibgħeda f'qalbu lejn xi ħadd jew jiżra il-mibgħeda: "Iżżommux mibgħeda f'qalbkom, lejn ħadd u lejn ebda persuna. Min jobgħod huwa iben satana u mhux dixxiplu ta' Kristu. Il-mibgħeda titfagħna lura u tnaqqas anke id-dinjità tagħna." Il-bniedem li jiżra l-mibgħeda – fi kliem l-isqof - ikun jagħmel ħażin għax il-mibgħeda "hija velenu u tagħmel il-ħsara. Tiżirgħux mibgħeda la bi kliemkom, la bl-atteġġjament tagħkom u lanqas bl-imġieba tagħkom."

### *Acies tal-Leġjun ta' Marija fir-Rotunda tax-Xewkija*

Il-Leġjunarji rġiel u nisa ta' Għawdex, nhar il-Ħadd, 23 ta' Marzu fil-għaxija, ltaqgħu fil-knisja arċipretali tax-Xewkija biex iwettqu l-funzjoni tal-*Acies* kif jitlob il-Manwal ta' l-Għaqda tagħhom. Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' numru sabiħ ta' Diretturi Spiritwali tal-Leġjun. Fl-omelija Mons Isqof ħeġġeġ lil-leġjunarji biex fuq l-eżempju ta' Marija jaħdmu ħalli Binha Ġesù ikun magħruf u maħbub.

### *L-Isqof jiltaqa' mal-Għarajjes fix-Xagħra*

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Marzu Mons Isqof iltaqa' ma' koppji ta' għarajjes mix-Xagħra li qegħdin jitħejjew għas-sagrament taż-żwieġ. Dawn il-laqgħat huma parti mit-tletin lezzjoni li l-parroċċi huma mistiedna jorganizzaw fuq fażi ta' tlett snin. Mons Isqof tkellem dwar il-kompatibilità tal-karattru.

### *Mons Isqof jiltaqa' mal-ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma*

Fiċ-ċirklu tal-Azzjoni Kattolika ta' l-Għarb, nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu l-Isqof iltaqa' mal-ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma. Hija xewqa ta' Mons Isqof li sa fejn hu possibbli jiltaqa' ta' lanqas darba waħda mal-ġenituri li wliedhom ikunu ser jirċievu s-sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina jew il-Konfermazzjoni. Dan l-esperiment kien beda bħala parti mill-kommemorazzjonijiet biex ifakkru l-ħamsin sena ta' Mons Isqof bħala saċerdot. Peress li ġiet milqugħa tajjeb ħafna mill-ġenituri, kienu l-istess kappillani li ħeġġu lil Mons Isqof biex jekk inhu possibbli jkompli din l-attività pastorali anke għal din is-sena.

### *Jiltaqa' il-Kunsill Presbiterali. Imħabbra l-membri ġodda u Segretarju ġdid.*

Nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2003 saret l-ewwel laqgħa tal-ħdax-il sessjoni tal-Kunsill Presbiterali, fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Fil-5.00 ta' filgħaxija Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-kappella ta' l-istess Seminarju flimkien mal-membri tal-Kunsill Presbiterali l-ġdid. Wara kien hemm il-laqgħa li fiha Mons Isqof beda biex irringrazzja lill-membri tal-Kunsill Presbiterali li taw is-servizz tagħhom matul l-għaxar sessjoni tal-Kunsill. Irringrazzja ukoll lill-Kanonku Dun Ġużepp Sacco tal-ħidma tiegħu twila bħala segretarju ta' dan il-Kunsill. Ġew imħabbra l-membri li jagħmlu parti mill-Kunsill: "ex-ufficio"; dawk li telgħu permezz ta' votazzjoni li saret fost il-kleru fiż-żoni foranji u dawk li ġew magħżula mill-Isqof (lista ta' dawn is-saċerdoti dehret fl-Atti tal-Kurja). Ġie maħtur segretarju ġdid li huwa Fr Edward Xuereb.

FRESH 'N' KLEEN
On Site cleaning of carpets, area rugs, car interiors, upholstery, bed mattresses, etc., using shampoo & fresh water.
Proprietor: **Michael Muscat**
'Biarritz', G.P.F. Aguis de Soldanis Str., Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 2155 7580 • Mobile: 7928 2360

SWEET SENSATIONS CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau, Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 5663
Home: 2155 2277

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## L-Elezzjoni Ġenerali: il-Ħames Kandidati eletti għal Għawdex fil-Parlament (ara p.36)

Fit-12 ta' April, ġew eletti l-ħames deputati li ser jirrappreżentaw lil Għawdex fil-Kamra tad-Deputati. Dawn huma Dr. Anton Refalo, Dr. Justyne Caruana, Frederick Azzopardi, Giovanna Debono u Anton Tabone.

## Resqin lejn Ġemellaġġ ieħor



Bejn id-19 u l-24 ta' Marzu, il-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem kien il-mistieden tal-*comune* ta' Tolfa għal żjara ta' sitt ijiem fl-Italja. Matul din iż-żjara, il-Kunsill Lokali mmexxi mis-sindku Frans Cauchi, iltaqa' ma' uħud mill-awtoritajiet tal-post u ttieħed iżur għadd ta' postijiet ta' interess. Saru wkoll diversi laqgħat, fosthom mas-Sindku Alessandro Battilocchio u l-Comune ta' Tolfa. Laqgħat oħra siewja saru mad-dirġenti ta' għaqdiet sportivi, l-iskola Ġwanni XXIII u l-Banda Giuseppe Verdi.





## "The Spring Collection"- wirja artistika

Fit-Torri ta' Kenuna fin-Nadur, ittellgħet wirja ta' pitturi b'dan l-isem ta' l-artista żagħżugħa Denise Muscat. Din kienet l-ewwel wirja personali tagħha. Is-sena l-oħra, pinġiet l-istampi fil-ktieb "Mid-Dinja tas-Seħer u tal-Folklor" ta' l-awtur Anton F. Attard. F'din il-wirja, Denise uriet xogħol bl-akrilika kemm fuq it-tila kif ukoll fuq l-injam. It-tema kienet l-ambjent u l-konservazzjoni tiegħu. Il-wirja ġiet organizzata bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Il-wirja, li nfetħet fil-bidu ta' April, baqgħet miftuħa sal-Ġimgħa 11 ta' April.

## Iffirmar ta' Ġemellaġġ



Il-Ħamis 13 ta' Frar, il-Belt Victoria ffirmat ftehim ta' ġemellaġġ mal-belt ta' Palermo waqt ċerimonja simbolika fi Pjazza Indipendenza. Din hija l-ewwel darba li Kunsill Lokali f'dawn il-gżejjer qed jagħmel ġemellaġġ ma' belt kapitali. Għal Belt Victoria ffirma s-sindku Paul Cassar filwaqt li għal Palermo ffirma l-Viċi Sindku Bartolomeo Sammartino. Saru diskorsi ta' l-okkażjoni miż-żewġ naħat. Għaċ-ċerimonja attenda l-*ispeaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, membri parlamentari, l-ex sindki tal-Belt Victoria, sindki ta' lokalitajiet oħrajn, kunsilliera u personalitajiet distinti oħrajn. Qabel iċ-ċerimonja, iż-żewġ baned La Stella u Leone daqqew marċi fit-toroq ta' madwar Pjazza Indipendenza.

## *Inawgurazzjoni ta' Ċentru f'San Lawrenz*



Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz inawgura Ċentru tal-Komunità għas-servizz taċ-ċittadini tiegħu. Iċ-ċentru fih librerija, kamra tar-*reference* kif ukoll sala żgħira kif ukoll iċ-*child care center* u jinsab fil-kumpless ta' l-Iskola Primarja Dun Salv Portelli. F'din l-okkażjoni, nhar il-Ġimgħa 4 ta' April, inkixef bust li sar fil-*landscaping* ta' quddiem dan iċ-ċentru. Il-*bust* huwa ta' Nicholas Monsarrat, kittieb li qatta' l-aħħar żmien ta' ħajtu jgħix f'San Lawrenz. Il-Ministru għal Għawdex kixfet plakka kommemorattiva, waqt li t-tberik tal-lokal sar mill-Kappillan il-Kan. Mikiel Borg. Preżenti wkoll kien hemm George Borg, il-librar ewlieni ta' Għawdex, is-sinjura Ann Monsarrat, mart il-mibki Nicholas u d-*Deputy High Commissioner* Ingliz Mr. Hillman.



## *Kunċert Vokali*

Bħala parti mill-festi ċentinarji li qed isiru Għawdex f'ġieħ San Ġorġ, il-Ġimgħa 21 ta' Frar, fil-Bażilika Ġorġjana ttella' kunċert korali ta' mużika Sagra minn ***The Byron Consort of Harrow School,*** waħda mill-eqdem skejjel l-iktar magħrufa ta' Londra, fejn kienu edukati fost l-oħrajn il-poeta famuż Lord Byron. Il-Kor kanta xogħlijiet ta' Orlando Gibbons, Tomas Luis de Victoria, Thomas Tallis, William Harris u Joseph Vella fost oħrajn. Iddirieġa Philip Evans. Indaqqu wkoll żewġ biċċiet fuq l-orgni u nqraw żewġ siltiet, waħda bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż mill-Omelija li St. Pier Damiani, Isqof u Duttur tal-Knisja kien għamel dwar San Ġorġ. Fi tmiem il-kunċert, l-Arċipriet tal-parroċċa Mons. Ġużeppi Farrugia ppreżenta rigal ta' tifkira lid-Direttur tal-Kor, Philip Evans.

## *Wirja b'Differenza: Ikoni u Kwadri Reliġjużi*



*A Journey into the Sacred* huwa t-titlu ta' wirja ta' arti ta' ikoni u kwadri li ġiet imtella' fil-Banca Giuratale ta' Victoria bejn il-5 u s-26 ta' April. L-artist huwa Daniel Scerri. Il-wirja ġiet imtella' mill-Fondazzjoni Belt Victoria fl-okkażjoni tal-festi ta' l-Għid bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tal-Kultura ta' Għawdex. Il-wirja kienet waħda reliġjuża. Il-Fondazzjoni Belt Victoria qed tagħmel ħilitha biex twaqqaf ċentru kulturali f'Għawdex.

## *Playing Field Ġdid fin-naħat ta' San Blas fin-Nadur*

Il-Ħadd 30 ta' Marzu ra l-inawgurazzjoni ta' *playing field* u *area* żgħira fejn jintlagħbu l-boċċi fl-inħawi ta' San Blas. Dan kien xogħol il-Kunsill Lokali tan-Nadur. Il-programm fetaħ b'logħba tal-boċċi. Wara introduzzjoni minn Charmaine Hili, il-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech daqqet biċċiet mużikali. Sar qari minn Liza Attard u Emanuel Agius. Kien hemm kant minn Christian u Gabriella Grech u żfin minn Keith and Adonell Dancers. Wara qari minn Peter Paul Vella u messaġġ tas-sindku Dr. Chris Said, ġie inawgurat il-proġett u nkixfet lapida kommemorattiva li tbierket mill-Arċipriet tal-Parroċċa Mons. Salv Muscat.



## Wirja ta' Vari Żgħar tal-Ġimgħa l-Kbira



Fis-sala tal-wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex bejn il-15 u t-23 ta' Marzu ttellgħet wirja tradizzjonali tar-Randan mill-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira. Fil-wirja wieħed seta' jara diversi statwi u jifli numru ta' inċiżjonijiet mill-Bibbja famuża illustrata minn Gustave Dore' flimkien ma' sepulkru, xogħol antik skolpit fl-injam flimkien ma' anġli, u xogħol fil-kartapesta ta' l-istatwarju Wistin Camilleri.



## Inawgurazzjoni ta' librerija f'Sannat

Il-Ħamis 6 ta' Marzu, il-Kunsill Lokali ta' Sannat inawgura mill-ġdid il-fergħa tal-librerija f'Sannat wara li ġie ffirmat il-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Sannat u d-Dipartiment tal-Biblijoteki u Arkivji. Din il-fergħa tal-librerija li tinsab fil-bini ta' l-Iskola Primarja ġiet attrezzata mill-fondi tal-Kunsill. Dan seħħ wara għoxrin sena minn meta nfetħet din il-librerija f'din l-iskola f'Ottubru ta' l-1982. Inxtraw 'il fuq minn 300 ktieb u daqt tiddaħħal sistema kompjuterizzata. Għaċ-ċerimonja ħa sehem il-kor ta' l-iskola, inqara diskors minn Marija Vella u s-Surmast Saviour Portelli għamel kelmtejn. L-Arċipriet tal-parroċċa Mons. Tarcisio Camilleri bierek il-librerija.

## Il-Kor "Gaulitanus" f'kunċert ta' mużika u letteratura

Saret serata mużiko-letterarja imtella' mill-Kor *Gaulitanus* b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Kulturali ta' Għawdex is-Sibt 29 ta' Marzu fis-Sala tal-Wirjiet Pjazza San Franġisk, Victoria. Il-kor tmexxa minn Mro. Colin Attard.

## "Joseph and the Amazing Technicolor Dreamcoat" - musical fl-Oratorju Don Bosco

Il-*Helping Hands Group* tellgħu dan il-*musical* is-Sibt u l-Ħadd 22 u 23 ta' Marzu fl-Oratorju Don Bosco. Għall-ewwel darba ttella' *live*. Ħadu sehem diversi kantanti stabiliti fosthom Laurence Gray fil-parti ta' Joseph, Pamela Bezzina fil-parti tan-narratur, John Cassar bħala il-Farauni, Saviour Cremona bħala Jacob u James Borg bħala Putiphar. Ma' dawn ħadu sehem għadd kbir ta' żgħażagħ u tfal li ffurmaw wieħed mill-akbar korijiet li qatt dehru fuq il-palk lokali.

## Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Bażilika tax-Xagħra



Nhar is-Sibt 5 ta' April 2003, is-Soċjetà Filarmonika Victory tellgħet kunċert ta' mużika sagra fil-Bażilika Kolleġġjata u Santwarju ta' Marija Bambina, fix-Xagħra Għawdex.

Dan il-programm ta' mużika sagra fetaħ bil-marċi funebri *La via della croce* ta' Antonio Miruzzi u *La dentro il mistero* ta' Giuseppe Mulè. Bil-vuċi stupenda tagħha s-Sopran Rita Dimech interpretat is-siltiet largo u l-*arlessiene* mill-*intermezzo "Agnus Dei"* ta' G.Bizet.

Siltiet oħra ta' marċi funebri li l-Banda Victory tellgħet waqt dan il-programm kienu b'*Tifkira lil Carmela Sacco* ta' Joseph Galea, *Air pathetique* ta' L.Van Beethoven b'arranġament speċjali ta' Robert Van Beringen, u *In memoriam Francesco Camilleri* tal-Fundatur Mike Attard.

Il-Kor Nativitas li huwa l-kor tas-Soċjetà ta sehmu f'dan il-kunċert bis-siltiet *O Vos Omnes* u *Stabat Mater* ta' Giuseppe Caruana. Fis-silta *Stabat Mater* ħadu sehem ukoll is-Sopran Rita Dimech u l-Mezzo Sopran Silvana Bonello.

L-innu marċ funebri *Quddiem Ġesù Msallab* ta' Vincenzo Ciappara għalaq dan il-kunċert bis-sehem tal-Kor Nativitas. Is-Surmast Direttur Mro Joseph Galea LCM mexxa dan il-kunċert bl-għajnuna ta' l-Assistent Direttur Mro Colin Apap u mid-diretturi tal-Kor Michael Curmi u Silvana Bonello.




### *Il-Papa jsemmi l-imwiet fl-Iraq u anke fl-Afrika*

Diġa' mnikket bl-imwiet fl-Iraq, il-Papa appella lid-dinja biex ma tinsiex il-konflitti mdemmija fl-Afrika fejn fl-ewwel ġimgħa t'April sar massakru ta' elf ruħ fil-Kongo. Il-ġlied bejn il-komunitajiet hu konsegwenza tal-gwerra ċivili li faqqgħet fil-Kongo fl-1998, meta Rwanda u l-Uganda issapportjaw irvell ċivili biex jitneħħa minħabba nuqqas ta' saħħa u ta' ikel.

### *Grazzi lill-Knisja għall-għajnuna umanitarja fl-Iraq*

John Bolton, sottosegretarju Amerikan għall-kontroll ta' l-armi u s-sigurtà internazzjonali , fid-9 t'April li għadda intlaqa' mill-Arċisqof Jean-Louis Tauran, segretarju tal-Vatikan għar-relazzjoni ma' l-Istati. Bolton fisser il-periklu ġej mit-tixrid ta' l-armi tal-qerda tal-massa f'diversi partijiet tad-dinja. Fost l-oħrajn, qal li japprezza "id-disponibilità " tal-Knisja Kattolika li tikkollabora fil-qasam umanitarju biex ittaffi s-sofferenzi tal-Poplu Iraqi.

### *L-importanza tal-Ġnus Magħquda*

L-Arċisqof Renato Martino, president tal-Kunsill Pontifiċju għall-Ġustizzja u l-Paċi qal li jkun perikoluż jekk il-konflitti internazzjonali jipparalizzaw organizzazzjonijiet importanti bħall-Ġnus Magħquda. Dan qalu waqt tifkira ta' l-40 sena mill-Enċiklika "*Pacem in terris*" tal-Beatu Ġwanni XXIII. Dan il-Papa, qal Martino, saħaq fuq l-awtorita` politika dinjija li tkun kapaċi taħdem għall-ġid komuni. F'paragun ma' 40 sena ilu, il-bżonn tal-ġid komuni tad-dinja hu evidenti b'mod straordinarju, meta tiftakar li l-kulturi, l-ekonomiji u s-soċjetajiet saru bil-wisq iżjed dipendenti minn xulxin, waqt li għadna nsofru minn ġrieħi, gwerer u diviżjonijiet fl-organizzazzjonijiet internazzjonali. "Il-kunflitti internazzjonali t'issa jirrikjedu għal darb oħra li l-Knisja toffri lill-bnedmin il-vera qalba tal-messaġġ etern tagħha: dak tal-Vanġelu tal-paċi".

### *L-ewwel dizzjunarju Latin-Ġappuniż*

Dan id-dizzjunarju, li fih madwar 5,000 kelma ġie ppublikat minn Dun Juan Ficente Catret, missjunarju Spanjol fil-Ġappun sa mill-1962 u professur fl-Università ta' Hiroxima mill- 1980. Id-dizzjunarju fih il-kliem kollha li jirreferu għall-Gregorjan u għall-mużika sagra.
Għalkemm 0.5% biss tal-Ġappuniżi huma mgħammda, 14% "għandhom mentalità nisranija u jibbażaw il-ħsieb tagħhom fuq il-valuri nsara", qal Dun Catret. Qal ukoll li l-persentaġġ ta' nsara qed jikber minħabba l-għadd kbir ta' emigranti Ġappuniżi f'pajjiżi ta' l-Amerika Latina, l-aktar il-Brażil u l-Peru` , illi jirritorna f'art twelidhom u huma Kattoliċi.

### *Teologu dwar il-Qrar*

F'Marzu li għadda, it-teologu Scott Hahn, professur tal-Bibbja (Steubenville, Ohio) ippublika l-ktieb "*Lord, Have Mercy: the Healing Power of Confession*". Mistoqsi f'intervista dwar il-bidliet futuri li jistgħu jseħħu f'dan is-sagrament, qal "l-unika bidla li nista' nara minn qabel hi ż-żieda fil-popolarita` tas-sagrament. Din ġa seħħet f'ħafna mkejjen. In-nies xebgħu bl-alternattivi, għax dawn ma jġibux paċi. Il-*counselling*, il-mediċina, it-terapiji, ir-rikreazzjonijiet - dawn kollha għandhom posthom. Jistgħu għal ċertu żmien jgħattu t-tbatija, iżda l-ebda waħda minnhom ma jistgħu jfejqu l-ferita. Il-qlub tagħna m'għandhomx mistrieħ 'u jibqgħu bla mistrieħ' sakemm jistrieħu f'Alla".

Għandek xi tip ta' propjeta` għall–bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Franġisk Victoria – Gozo Tel 21553960 – 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt www.debrincat.com.mt*




### *Dak it-traffic! X'babilonja!*

Fil-jiem tal-vaganzi ta' l-Għid, kemm qabel, kif ukoll wara l-jiem ta'ċelebrazzjonijiet reliġjużi, ħadna l-ewwel togħma jew aħjar previżjoni ta' x'hemm lest għalina, inkwantu traffiku kaotiku fil-Belt Victoria, fix-xhur tas-sajf li jinsab riesaq ġmielu. Din hi problema u jidher li minkejja diversi tentattivi, għadha ma nstabitx soluzzjoni adegwata għaliha. Sriebet ta' karozzi ma jaqtgħu xejn, sa minn ħdejn iċ-ċentru ta' Kana, jagħmilha impossibbli li jkun hemm *flow* aċċettabli ta' traffiku. Dan l-aħħar innutajna l-preżenza ta' xi *traffic warden* ħdejn salib it-tiġrija li kien qiegħed jipprojbixxi t-trakkijiet jew vetturi *heavy duty* milli jitilgħu l-aħħar parti ta' Triq ir-Repubblika. Dan l-esperiment jidher li ħalla xi frott, però jkun aħjar li kieku dawn il-vetturi jiġu devjati sa mill-parti t'isfel nett ta' Triq ir-Repubblika. Dan biex jiġi wkoll evitat il-kwantita enormi ta' *exhaust* u *noise pollution* li joħorġu minn dawn il-vetturi. U inkwantu l-*wardens*, aktar tkun apprezzata din il-ħidma ta' attenzjoni li jistgħu joffru, milli l-kaċċa sfrenata għat-twaħħil ta' *tickets* li qegħdin iwettqu...

### *Il-fjuri fir-roundabouts*

Dawn l-aħħar ġimgħat innutajna tisbiħ sostanzjali tar-*roundabouts* u s-*central strips* f'diversi lokalitajiet f'Għawdex, bi fjuri kkuluriti u ikkurati tajjeb. Nittamaw li dan ma kienx sforz ta' l-elezzjoni li kienet riesqa, jew biss effett ta' l-istaġun li jgħin mhux ftit fit-tisqija ta' dawn il-fjuri u l-pjanti. Nistaqsu, x'se jiġri minn dawn l-*istrips* fix-xhur niexfa tas-sajf? Nissuġġerixxi tħawwil ta' pjanti adattati għas-sħana tas-sajf tagħna bħal ma huma xtieli tar-razza tal-*kaktus,* sardinell ta' kuluri differenti, eċċ. U l-ilma?!?

### *Biex ma ninsewx!*

Prosit lil min ħareġ bl-ideja li ċerti nħawi magħrufa b'ċerti ismijiet topografiċi bħal: Tar-Rummiena, Ta' Ħamet u Ta' San Anard u oħrajn, jiġu indikati b'tabelli li twaħħlu fejn dawn l-inħawi msemmija. Ideja tassew ta' min ifaħħarha. Għaldaqstant jeħtieġ li dawn ma jiqfux hawn, iżda jiġu estiżi għall-inħawi l-oħra anke fl-irħula kollha. Basta bla żbalji tal-Malti!

### *SPCA GOZO ... keep it up!*

Ftit ilu kelli l-okkażjoni fejn stajt napprezza mill-qrib il-ħidma sfiqa li twettaq din l-organizzazzjoni volontarja f'Għawdex tagħna. L-*SPCA* t'Għawdex hi mogħnija b'nies professjonali u dedikati fix-xogħol tagħhom. Parti sostanzjali tal-membri ta' din l-organizzazjoni huma barranin residenti hawn Għawdex li jiddedikaw ħafna minn ħinhom u minn flushom b'risq l-annimali tagħna! Min hawn nappellaw biex aktar nies jissieħbu magħhom f'din il-ħidma neċessarja jew għall-inqas jitgħallmu japprezzaw iżjed ix-xogħol li dawn qegħdin iwettqu.

### *SOS Ġgantija*

Jekk Għawdex tagħna għandu diversi teżori artistiċi u storiċi, żgur li l-kumpless pre-istoriku tal-Ġgantija jiġi l-ewwel mhux biss għall-importanza tiegħu, iżda iżjed għall-uniċità tiegħu. Jidher iżda li matul is-snin kollha li fihom issa Malta ilha tiggverna lilha nfisha, ftit li xejn għadu sar biex dan il-kumpless jiġi mħares u ippreservat għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Hi ħaġa ovvja u li jaraha kulħadd, li diversi ħitan jinsabu fi stat imminenti li jikkrollaw. Xi snin ilu kienu saru xi rinforzi li apparti li huma *eye-sore*, kif jgħidu l-Ingliżi, jidher li ma tantx huma effettivi. Meta se tiġi studjata bis-serjetà, qabel ikun tard wisq, il-possibilità li ssir xi forma ta' protezzjoni kontra l-elementi naturali? U meta se naraw fis-seħħ restawr professjonali fejn hu meħtieġ f'dan il-post li hu wirt mondjali, dikjarat saħansitra mill-*UNESCO*?

***Ritratt ... b'mistoqsija!***



***Għaliex ix-xogħol fuq il-proġett tal-moll tal-Mġarr miexi b'passi ta' nemla?! Veru li kellu jitlesta fi żmien sitt xhur, qabel jibda' s-sajf?!***





# Original Creations

**Specialize in:**

◊ *Good Friday and other Sacred Statues & Ornaments for homes.*
◊ *Decorated Christmas Cribs including statues and "pasturi".*
◊ *Painting all sorts of concrete statues for open-air niches.*

**Made by:**

*Charlie & Jennifer Camilleri,*
*"Home Sweet Home", Grunju Street,*
*Nadur, NDR103, Gozo.*

***Tel:*** 2155 0833
***Mobile:*** 99550833

***E-mail:***
info@charliecamilleri.cjb.net
***Website:***
www.charliecamilleri.cjb.net

L-INTERVISTA

# "Day Centre" għall-Anzjani f'Għawdex

**Dun Eddie Zammit jintervista lil Joanne Mohr, responsabbli mit-tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem, Għawdex.**



***Meta nfetaħ dan iċ-Ċentru għall-Anzjani Għawdxin, u min ħa r-responsabilità tat-twaqqif u tat-tmexxija tiegħu?***

Dan il-Centru ta' matul il-jum għall-Anzjani, jew kif inhu magħruf aħjar minna id-"*Day Centre*" infetaħ fil-bidu ta' Mejju tal-1999. Ġie inawgurat uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono fl-24 ta' Mejju tal-1999. L-inizjattiva ġiet minn tliet setturi. Kien hemm involuti l-Ministeru għal Għawdex permezz tat-taqsima għall-Kura tal-Anzjani, il-Kunsilli Lokali Għawdxin, u fl-aħħarnett id-Djoċesi ta' Għawdex permezz tal-Caritas Djoċesana.



***X'kien is-sehem li taw dawn is-setturi li qegħda ssemmi?***

Il-Ministeru għal Għawdex ipprovda l-ħaddiema. Qegħdin 2 ħaddiema *full time*, u 5 *part timers*. Il-Kunsilli Lokali Għawdxin li qegħdin jipparteċipaw f'dan il-proġett qegħdin iħallsu għat-trasport ta' dawk l-anzjani li jattendu dan iċ-Ċentru, filwaqt li d-Djoċesi t'Għawdex permezz tal-Caritas qegħda tipprovdi l-bini tad-Dar ta' San Ġużepp flimkien mal-manutensjoni ordinarja tiegħu.

***X'għanijiet riedu jintlaħqu b'dan il-proġett?***

Il-popolazzjoni tal-anzjani f'Għawdex kull ma jmur dejjem qegħda tiżdied. Dan ġab miegħu esiġenzi ġodda għal dan is-settur importanti tal-popolazzjoni tagħna. L-anzjani minkejja l-eta' u d-diversi restrizzjonijiet li din ġġib magħha fid-dinja tal-lum, iħossu li jistgħu jgħixu dan iż-żmien sabiħ tagħhom b'impenn u bi profitt. M'għadux iż-żmien li l-anzjan jinqata' minn kollox u jistenna biss it-tmiem. Illum il-persuni anzjani għadhom iħossuhom utli għas-soċjetà u jixtiequ li l-ħin ma jitilfuhx imma jieħdu l-aħjar minnu għalihom infushom, għall-familjari tagħhom, kif ukoll għas-soċjetà.

Għanijiet li ridna nilħqu b'dan il-proġett kienu fost l-oħrajn, il-ħolqien tal-kumpanija għall-anzjani bejniethom nfushom; fattur li jgħinhom jirbħu s-solitudni li ġeneralment takkumpanja lill-anzjani, sens ta' support u inkuraġġiment, skop għall-eżistenza tagħhom, okkażjoni ta' tagħlim adattat għalihom, servizzi reliġjużi, għajnuna u *support* mediku, kif ukoll għajnuna oħra kif ser nispjegalek iktar 'l quddiem.

***Kemm il-darba jiftaħ dan iċ-Ċentru? Kif inhi mqassma ġurnata tipika għall-anzjani? Kemm qed jattendu anzjani fil-preżent?***
Dan iċ-Ċentru jiftaħ erba' darbiet fil-ġimgħa. It-Tnejn: jiġu anzjani minn ta' Kerċem, S. Luċija, u Għarb. It-Tlieta: mix-Xewkija, S. Lawrenz u l-Għasri; l-Erbgħa: mir-Rabat, Munxar, u Sannat; u l-Ħamis: mill-Qala, Għajnsielem, Żebbuġ u Fontana.
Il-ġurnata fiċ-ċentru tiftaħ fid-9.30a.m. bil-quddiesa. Wara jkollna l-*breakfast*. Imbagħad ikun hemm ħin għall-tombla. passiġġata qasira jew xogħol ta' *handicraft*. Ġie li jkollna xi taħdita interessanti għall-anzjani. Għall-ħabta ta' nofs in-nhar ikun hemm il-pranzu. Fis-1.00 p.m ikun hemm it-trasport lura lejn djarhom.
Fil-preżent għandna madwar 200 persuna anzjana li qed jattendu regolarment għall-attivitajiet organizzati fiċ-Ċentru.

***Semmejt l-ikel. Kif inhu organizzat?***



Dwar l-ikel għandna kċina armata apposta. Għandna ukoll *chef* residenti li hu Charlie Zammit u għandna l-*helpers* li jgħinuh. L-ikel huwa dejjem tal-ġurnata u ivarja skond iż-żminijiet u l-istaġuni. Noqgħodu ħafna attenti li nsajru u noffru ikel tajjeb li hu ukoll adattat għall-ħtiġijiet tal-anzjani.

***Fiċ-Ċentru tagħkom torganizzaw diversi attivitajiet u toffru ukoll xi servizzi ta' ħtieġa għall-anzjani. X'tip ta' servizzi toffru?***
Bħala servizzi fiċ-ċentru tagħna għandna s-servizzi regolari tal-podoloġista, servizz ta' *nurse* għall-kontroll mediku ta' rutina u għall-kura medika ħafifa, servizz ta' tabib, kif ukoll servizz ta' *hairdresser*. Għal dawk li huma attivitajiet darba fix-xahar, norganizzaw ħarġa kulturali marbuta ma' xi ċelebrazzjoni li jkun hemm f'dak ix-xahar. Fiż-żmien tal-Milied norganizzaw kompetizzjoni fost l-anzjani għall-isbaħ *cake* tal-Milied, filwaqt li fl-Għid norganizzaw kompetizzjoni għall-isbaħ figolla. F'dan iż-żmien norganizzaw ukoll ikliet speċjali f'xi lukanda jew ristorant Għawdxi.

***Kif inhu iffinanzjat iċ-Ċentru?***
Barra mill-kontribut tal-ħaddiema permezz tal-Ministeru għal Għawdex, dak tat-trasport permezz tal-Kunsilli Lokali li qegħdin jipparteċipaw f'dan il-proġett, u dak tal-manutensjoni ordinarja permezz tal-





Caritas Djoċesana, l-anzjani imbagħad jikkontribwixxu Lm1 kull darba li jiġu. Ikollna dħul ieħor żgħir mir-*raffles* li norganizzaw. Prattikament iċ-ċentru jiffinanzja lilu nnifsu f'dak li huwa tmexxija ta' kuljum. Meta wieħed jikkunsidra s-servizzi li noffru u l-kwalità tagħhom, jifhem kemm tassew qed noffru servizzi utli mingħajr ma noħolqu piżijiet tqal fuq l-anzjani li jipparteċipaw.

***Attività kulturali mistennija hija s-safra annwali għall-anzjani. Kif bdiet din l-inizjattiva u fejn kienu l-ħarġiet tagħkom ta' dawn l-aħħar snin?***



Din l-attività bdejniha fis-sena tal-Ġublew fis-sena 2000. U bdejna naturalment b'Ruma. F'dik l-okkażjoni żorna ukoll Assisi u Cascia u Norcia barra minn postijiet oħra ta' nteress. Fis-sena 2001 morna Fatima u Lisbona u postijiet oħra ta' nteress fil-Portugall. Is-sena l-oħra morna Lourdes u Costa Brava fi Spanja. Din is-sena diġa għandna mħejja programm għall-Venezja, Rimini, Firenze u postijiet oħra fin-naħa ta' fuq tal-Italja. F'dawn il-ħarġiet nippruvaw norganizzaw it-*tour* tagħna skond il-ħtiġijiet tal-anzjani. F'dawn it-*tours* jgħinu ħafna l-*helpers* taċ-Ċentru tagħna li jagħtu kura personalizzata lill-anzjani tagħna. M'għandix ħlief kliem ta' tifħir għalihom.



***Kelma ta' l-aħħar u messaġġ.***



Nirringrazzja lill-Bord tat-tmexxija ta' dan iċ-Ċentru li fih hemm rappreżentanti tas-setturi li semmejt iktar 'il-fuq, kif ukoll lil dawk id-dipartimenti governattivi li jagħtu l-għajnuna tagħhom. Grazzi ukoll lill-kollaboraturi tiegħi li jagħmlu s-servizz tagħhom tassew minn qalbhom. Nistieden lill-anzjani kollha Għawdxin biex jagħmlu użu mis-servizzi li qegħdin noffrulhom.



Wieħed mis-sodisfazzjon kbir li kellna fiċ-Ċentru tagħna kien meta irbaħna il-*Quality Service Charter Award* mill-Gvern ta' Malta għall-kwalità ta' servizzi li noffru. Dan ingħata fid-9 ta' Ġunju 2000. Però l-aqwa premju jagħtuhulna l-anzjani nfushom li naħdmu magħhom, li bil-ferħ tagħhom juruna kemm japprezzaw is-servizzi taċ-Ċentru tagħna. Jalla nkomplu fuq li bnejna ħalli nkomplu intejbu l-kwalità ta' ħajja tal-anzjani Għawdxin.

Gozo Courier
Emanuel Grima
Kurrier Ġdid għal kull xorta ta' Trasport minn bieb għal bieb, f'Għawdex u f'Malta.
Yarraville Gardens
Grunju Str. Nadur.
Tel: 21 561228
Mob: 7956 1228

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

ESPERJENZA -1

# IT-TRIQ TA' OMM-ARTISTA

**- Mary Rose Saliba**



***Stedinna lil Mary Rose, omm żagħżugħa ta' 30 sena miż-Żebbuġ, Għawdex, biex tgħidilna kif u għaliex tesprimi ruħha fil-pittura bħala omm ta' żewġt' ulied ħelwin, Laura u Katya.***

Min jista' jfisser ir-rabta li hemm bejn l-omm u t-tarbija tagħha?!

Sa minn dak il-mument li mara ssir taf li ħarġet tqila, tibda taħseb fuq dak il-frott li tnissel f'ġufha u tieħu ħsiebu kull ħin u kull mument, għax taf li dik it-tarbija hija parti essenzjali minnha nfisha, ġisem minn ġisimha, ħajja daqsha, imma tiddependi biss minnha.

U wara dawk id-disa' xhur ta' stennija kbira, min qatt jista' jfisser xi tħoss il-qalb tal-omm meta tħaddan magħha l-ewwel darba dak il-miraklu tal-ħajja, li issa ġie fi ħdanha għad-dawl tad-dinja!

Kif tinsa f'daqqa t-tbatijiet kollha tal-ħlas, hekk kif tressaq dik il-ħlejqa fraġli ma' sidirha biex tagħtiha l-ewwel manteniment, biex tibda' u tkompli tikber, fl-ewwel xhur u snin tat-tfulija ma' djulha! U tkompli ssostniha b'kull mod u mezz, mill-ewwel pass tagħha sa meta tkun kapaċi tieħu rajha f'idejha...

Il-qalb tal-omm! X'misteru u x'realtà fl-istess ħin! Tifraħ bla qies meta taf li uliedha f'saħħithom u kuntenti; tingħasar bin-niket fil-mard jew f'xi hemm tagħhom... Is-sentimenti ta' wliedha jsiru tagħha u qalbha tħabbat ma' qalbhom.

Bħala omm ta' żewġt' ibniet żgħar, inħoss dan il-misteru marbut kontinwament ma' ħajti. U rrid tant drabi kuljum nesprimi dak li tħoss qalbi għal uliedi; mhux biss b'tgħannieqa ħelwa, tmellisa delikata jew bewsa sinċiera; mhux biss bil-kliem sempliċi tagħhom stess u biċ-ċajt ferrieħi; mhux biss bil-ħin twil magħhom imżewwaq bil-logħob, bid-daħq, bil-kura meħtieġa għal saħħithom fl-indafa, fl-ikel li nipprovdilhom, u fl-irqad li jkunu jeħtieġu; mhux biss f'kull għajnuna li nkun pronta nagħtihom fl-edukazzjoni tagħhom... Le, dan mhux biżżejjed għalija!

Hemm ħaġa oħra. L-espressjoni ta' taħbit qalbi għalihom fuq it-tila siekta li titkellem bil-kuluri! Dik id-daqqa tal-pinzell li tħalli l-marka ta' l-għaqda u r-rabta bejn qalbi u qalbhom! Dawk il-linji ta' dwal u dellijiet, kuluri ċari u skuri, uċuħ ferħana jew imnikkta... kollox f'espressjoni siekta li toħroġ f'kelma waħda mpinġija flok miktuba: imħabba! Imħabba t'omm!



"The Miracle of Life"

B'daqqa ta' pinzell noħroġ minn ġo qalbi dak li nkun qegħda nħoss, u fit-tiżliġa tal-kuluri nsib ċerta kalma u sabar. Fil-kwadru tiegħi *"The Miracle of Life"* ħarġet il-qawwa tal-imħabba profonda lejn it-tarbija li ftit tal-ġimgħat qabel kont wellidt. Żewġ kwadri oħra, li semmejthom *"Sunrise"* u *"Sunset"*, jixhdu tassew kemm huma kollox għalija, bħall-bidu u t-tmiem ta' kull ġurnata li jien ngħix magħhom u għalihom...

It-tfal, huma min huma u huma ta' min huma, għalija huma kontinwament rifless qawwi ta' dawl u sħana, bħax-xemx li ssebbaħ, iddawwal, u ssaħħan il-ħolqien madwari. Mingħajr uliedi, kollox mitbiel u mejjet fid-dar, għalija u għal żewġi. Donnu l-ferħ tagħna saru huma, u s-saħħa ta' mħabbitna tiddependi mid-dgħufija tagħhom! U għalhekk anke fil-jiem tqal għal qalbi, meta wliedi ma jkunux f'sikkithom jew ma jifilhux, it-tila u l-pinzell jilqgħu l-isfog tan-niket tiegħi biex ifarrġu xi ftit lil qalbi. Dan is-sentiment doloruż u mimli tensjoni jidher ċar fi kwadru ieħor tiegħi, *"Shock"*. Mhux anqas fi kwadru ieħor, *"Sorrow"*... U *"Motherly Love"* jitkellem waħdu!



"Motherly Love"

It-tenerezza materna taf titħallat ukoll b'sentimenti umani jew reliġjużi, u għalhekk kwadri oħra li pittirt, bħal *"The Warmth of Starvation"*, *"A Prayer"* u *"Weeping Madonna"* jesprimu l-għera ta' qalb sinċiera u mimlija tama fil-misteru ta' ruħi, rassenjazzjoni u fiduċja f'Alla li jħobbna lkoll, u fil-Mamma ta' kulħadd... It-tbatijiet ta' Kristu, ċentru ta' ħajjitna, ispirawni biex qalbi tingħaqad mal-Qalb Divina tiegħu fi kwadri oħra bħal *"Jesus Christ"*, *"Crucified"*, u tnejn differenti *"Crucifix"*. Fihom, qalbi feruta strieħet fuq il-feriti ta' Kristu...



"Sunrise"

Imħabba u tbatija! Hemm rabta mistika u profonda bejniethom fil-fond ta' qalb l-omm. U għalhekk fl-arti tiegħi nħoss li nsib il-qofol ta' ħajti fihom. Biex tassew inħobb bħala omm, irrid inbati, irrid inkun Duluri oħra b'qalbha maqsuma imma "wieqfa" u soda, quddiem uliedi jew żewġi, tfal oħra batuti jew sfortunati. U bħal Marija, f'ħajti rrid inkun lesta li nkun tassew omm billi nifraħ f'Kana u nibki fuq il-Kalvarju, basta nħobb!

It-tila u l-pinzell jgħinuni ngħix dan l-ideal.

**Mary Rose Saliba**



"Crucified"



"Weeping Madonna"



"A Prayer"



"Shock"

**ESPERJENZA -2**

# ID-DMIR TA' OMM-ĦADDIEMA

**Lorietta Buttigieg**

***Lorietta minn Għajnsielem, taħdem "full-time" mal-Gozo Press u hija omm taċ-ċkejkna Elvira. Tlabniha tgħidilna kif tlaħħaq mal-impjieg u mal-missjoni tagħha bħala omm żagħżugħa.***

Jiena omm-ħaddiema ta' 28 sena. Ilni miżżewġa għal kważi seba' snin u għandna tifla, Elvira, ta' sentejn u nofs.

Hija grazzja kbira, u ta' dan għandi għax nirringrazzja lil Alla, li jiena omm. Inħoss li meta sirt omm kien l-isbaħ mument ta' ħajti u hekk jien ilħaqt l-ideal tiegħi.

Xtaqt ħafna li nibqa' d-dar u nrabbi t-tifla jiena, però minħabba l-ħtiġijiet tal-familja naħdmu kemm jien u kemm żewġi. Fl-istess ħin qed nuża t-talenti u l-kapaċitajiet tiegħi u nħossni utli anke għas-soċjetà ta' madwari permezz tax-xogħol tiegħi. Mhix ħaġa faċli li naħdem u nkun omm imma lanqas impossibli li nagħraf naqdi sew fiż-żewġ aspetti ta' ħajti.

L-ewwel punt li nixtieq nisħaq fuqu huwa li ma jfissirx illi għax naħdem ma nistax inkun omm tajba. Naħdem *full-time* u nagħmel minn kollox biex ma nnaqqasx l-attenzjoni li jkollha bżonn binti, fuq kollox l-imħabba.

Nemmen li bil-ħila tiegħi qed inkun nista' naħdem u fl-istess ħin naqdi l-missjoni ta' omm... Kif?

- Ma nitlef l-ebda opportunità u nuża tajjeb il-ħin ta' wara x-xogħol biex inkun nista' nagħti l-affezzjoni materna lil binti.
- Nagħti l-attenzjoni u l-kura meħtieġa fit-trobbija tagħha, anke fl-edukazzjoni.
- Minn meta twieldet bdejt nibni relazzjoni ma' binti, mhux ta' omm biss imma wkoll ta' ħabiba.

Flimkien ma' żewġi, inrabbuha fl-ambjent li jixirqilha – ta' familja, fl-imħabba. Fl-opinjoni tiegħi dawn huma l-fatturi l-aktar importanti fit-trobbija, għax il-familja hija l-pedament fejn jinbena l-karattru tagħha. Aħna għandna x-xorti nrabbuha t-tnejn peress illi waqt li nkun naħdem jien, it-tifla jieħu ħsiebha żewġi, u waqt li jkun jaħdem żewġi it-tifla tkun miegħi.



Tajjeb ngħid li bħala omm inħoss li l-ewwel dmir u responsabbiltà tiegħi huma lejn Elvira u żewġi. Inħoss sodisfazzjon kbir x'ħin inħares lejn binti u naraha tikber; wara kollox dan hu l-istint matern li jinsab f'kull mara.

Jien u l-ommijiet-ħaddiema bħali, ma rridu qatt ninsew li aħna għandna din ir-responsabbiltà ta' "*omm*" għal dejjem u għandna nkunu leali lejn uliedna għal għomorna, anke fl-inkwiet u t-tbatija. U x-xogħol m'għandux inissik id-dmirijiet, aħseb u ara tittraskurahom.

Filwaqt li nirringrazzja lil Alla kuljum ta' dak li tagħni, nitolbu biex igħinni nkun omm responsabbli lejn binti u jgħinni nlaħħaq max-xogħol u mal-familja.

**Lorietta Buttigieg**

## VERSI RIFLESSIVI



# Aqta' Liema Hi!

*Xbejba misluta, rżina,*
*ta' bjuda anemika, fina,*
*b'idejha f'talb magħquda,*
*rasha mġenba, mitluqa,*
*mad-dinja kollha magħrufa.*
*Hekk, tul sninkom twal, ja sekli,*
*skulturi, pitturi, poeti,*
*skolpewha, pinġewha, urewha,*
*lil waħda jisimha Marija*
*għalkemm ta' razza Lhudija.*

*Omm żagħżugħa fil-Lhudija,*
*b'ħilt binha x'aktarx kburija,*
*arawha ssus fi triqtu,*
*mbellħa, mgħaġġba b'imġiebtu,*
*tistenna tasal siegħtu.*
*Mad-dixxipli u ma' l-appostli,*
*forsi l-folla f'xi taħwida,*
*tqum biex tibda t-taqbida*
*sabiex b'Sultan, Mexxej taħtru,*
*u lil Ruma 'l barra jqaċċtu.*

*Mara tad-dar, ħawtiela,*
*li daqt sejra ssir omm,*
*tinsielek lilha nfisha*
*ħa tgħin oħrajn fil-bżonn,*
*titlob f'biżà mistur.*
*B'seba' mitt għajn għassiesa,*
*għal kliem tax-xwejjaħ Xmun,*
*u fl-għeġubijiet li jseħħu*
*tilmaħ Feddej maqtul;*
*taħtu; Omm id-Dulur!*

*Liem' hi l-vera Marija,*
*l-Mara l-Magħżula,*
*sabiex tgħinna nixorbu*
*il-kalċi sħiħ, sal-qiegħ,*
*mqar jekk kollu mrar?*
*Waqt li leħinna ngħollu,*
*Ngħannu magħha b'kull tifħir,*
*l'Alla noffru l-'Magnificat',*
*ma' nċens li 'l fuq itir:*
*ħa jsir 'l għandu jsir!*

**Francis Sultana**



# Gwerra vs Paċi

*Uffa kif xbajt,*
*tisma gwerer,*
*ġlied u għira,*
*mewt li twerwer.*

*Smajt li hemm gwerra.*
*Ir-radju, l-aħbarijiet,*
*rajt it-televixin*
*dejjem bl-istess grajjiet.*

*Hekk il-bniedem,*
*baqa' tul l-istorja*
*dejjem jiġġieled*
*u jkanta vittorja.*

*Għax ma jrid jifhem qatt*
*li paċi hi l-aħjar.*
*Bi gwerer u ġlied*
*il-ġid żgur qatt ma sar.*

*Fejnu leħnek, Mulej,*
*Fejn hi l-imħabba?*
*Il-verità li tajtna*
*qegħda tittabba'!*

*O kieku l-bniedem*
*ikun tassew kapaċi*
*li jagħraf il-valuri*
*tal-hena, sliem u paċi!*

*Imma 'l kieku u li kien,*
*Qatt ma ltaqgħu żgur flimkien!*
*Povri nisa u tfal imwerwrin,*
*vittmi ta' qerda minn nies kefrin!*

**Philip Pisani**





## IR-RUŻARJU - IT-TALBA TA' KULĦADD

Igħodd



### *Ir-Rużarju tal-Filmstars*
**Clarence Gilyard,** li flimkien ma' Chuck Norris jaħdem fis-serje "*Walker Texas Rangers*": "Minn mindu kkonvertejt u sirt Kattoliku, jien nisma' l-quddies kuljum, ***ngħid ir-rużarju kuljum***, nitqarben kuljum, u ngħid il-liturġija tas-sigħat tlitt darbiet kuljum": *(National Catholic Register, 21/1/2001.)*

### *Ir-Rużarju tal-Artist*
**James Cavaziel** (l-attur tal-film "*The Count of Monte Cristo*")
Mistoqsija: Veru li inti tgħid ir-**rużarju** kuljum?
James: Iva. Marija qegħda dejjem hemm biex tħarisni... ***In-nies ma jifhmux x'qawwa għandu r-rużarju***... Meta tgħid ir-**rużarju**, tibda tara kollox bl-għajnejn spiritwali, u tneħħi l-għamad li jkun idallamlek għajnejk. Għalhekk il-Madonna f'kull dehra tagħha, dejjem insistiet biex nitolbu. *(National Catholic Register, 9/2/2002.)*

### *Ir-Rużarju tal-Kantanta*
**Milva**: "Il-fidi tiegħi għadha sħiħa bħal meta kont ta' tmien snin u kont nitgħaxxaq bl-istatwa tal-Madonna fir-raħal tiegħi. ***Għadni ngħid it-talb tiegħi flimkien mar-rużarju***. Għadni nżomm sa llum kwadru tal-Madonna fuq il-komodina. U nirringrazzja lil Alla ta' kull ma tani". (*"Attwalità, Vol I.*)

### *Ir-Rużarju tal-Prim Ministru Alcide de Gasperi (taljan)*
Fil-vjaġġi li kien jagħmel kien dejjem jieħu miegħu l-*briefcase* diplomatika taħt dirgħajh, u l-kuruna tar-**rużarju** fil-but; "***Dik hi l-arma sigrieta ta' kull nisrani umli***"
*(Rilanciamo il Rosario.)*

### *Ir-Rużarju tad-Detective tal-F.B.I*
**Steven McDonald** li ġie pparaliżżat minn nofsu 'l isfel meta żagħżugħ sparalu.Illum hu appostlu u *speaker* li jdur l-iskejjel jagħmel *lectures* liż-żgħażagħ biex jevitaw il-vjolenza.
Hu ħafer lil min sparalu għax: "***Praying the Rosary can help bring an end to violence. It is a special prayer. It can overcome everything***".
*(National Catholic Register, 13/5/1999.)*

### *Ir-Rużarju tal-Boxer*
Matul l-aħħar gwerra mondjali, il-famus *boxer* Amerikan **Billy Conn** kien qed jivvjaġġa ma' xi atturi ta' *Hollywood* fosthom **Bob Hope** (li bħalissa qed jiċċelebra l-età sabiħa ta' 100 sena). Dawn kienu ġejjin l-Ewropa biex jippreżentaw xi *shows* lit-truppi Amerikani.
F'daqqa waħda l-ajruplan beda jitbandal u jitbaxxa, minħabba li ltaqa' mal-maltemp. Il-pilota tilef il-kontroll. Kulħadd kien beżgħan. Il-*boxer* bil-kalma kollha ħareġ il-kuruna mill-but u ħeġġeġ lill-passiġġieri l-oħra biex jgħidu ir-rużarju miegħu u ma jibżgħux. Ħaġa tal-għaġeb, ħadd ma jaf kif, l-ajruplan ħelisha u llandja qawwi u sħiħ. ***Ir-rużarju hi talba li tiġi mismugħa żgur.***
*(Rilanciamo il Rosario, Ediz. Domenicana Italiana, Napoli.)*

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# għal kull bniedem, post u żmien

### *Ir-Rużarju għall-Astronawti*

**Dolores O'Hara** "*Aerospace nurse*": Fiċ-ċentru spazzjali tan-*Nasa Houston*, fl-1968 kien hemm Dolores O'Hara bħala *nurse* li tiehu ħsieb madwar 50 astronawti; tikkontrolla it-temperatura, il-pressjoni u saħħithom waqt li jkunu fl-*ispace ship*. Ġara li meta Sheppard tela' bl-*ispace ship* tiegħu, il-ġurnali amerikani ġabu lil din in-*nurse* tħares 'l fuq miġbura, titlob bil-kuruna tar-**rużarju** f'idejha. Minnħabba l-pubbliċità ta' dawn ir-ritratti hija ġiet imsejħa biex tidher quddiem il-Kummisjoni Dixxiplinari. Waqt il-proċess, staqsewha: "Kif ippermettejt li tidher f'ritratti, bil-kuruna tar-**rużarju** f'idejk, titlob meta kważi kont qalbek maqtugħa mis-sigurtà tal-programm spazjali?" Dolores O'Hara, ma qagħditx tomgħodha. Uriet li hi temmen fil-qawwa tat-talb tar-**rużarju** u weġbithom: "**Jien Kattolika. U Kattolika prattikanti**. Jekk u meta tordnawli biex nitla' fil-qamar mal-astronawti, ibqgħu ċerti li jien nobdi mill-ewwel bil-qalb. Imma ħadd minnkom ma jista' jimpedini ***li nġorr il-kuruna tar-rużarju miegħi***." Kulħadd baqa' mistagħġeb bix-xhieda qalbiena tagħha. Tassew kattolika bil-provi!

*(Rilanciamo il Rosario. Napoli.)*

### *Ir-Rużarju ta' Suldat Lhudi*

**L-Isqof Fulton J.Sheen** fost il-ħafna kotba maqluba bit-Taljan għandu wieħed jismu "*La Madonna*" (Ediz. Paoline). U jirrakkonta dan il-fatt:-

"Naf b'suldat Lhudi li fil-gwerra dinjija kien qiegħed fil-kamp tal-battalja mistoħbi ġo ħofra flimkien ma' erba' suldati Awstrijaċi. Balal kienu qed jesplodu kullimkien. Giet bomba u qatlet lill-erba' sħabu; s-suldat Lhudi kemm laħaq żgiċċa. ***Ħa kuruna tar-rużarju li kienet fil-but ta' wieħed suldat u billi kien jisma' lis-suldati jgħidu r-rużarju, beda jgħid ir-rużarju kif jaf***... B'xorti tajba baqa ħaj. Meta spiċċat il-gwerra dan il-Lhudi sar jaf li l-membri kollha tal-familja tiegħu ġew maħruqin fil-fran ma sitt miljun Lhudi ieħor. Iddeċieda li jiddedika ħajtu għal Kristu u l-Madonna. U żamm kelmtu.

"***Is-sena l-oħra għammidtu u issa qed jistudja għas-saċerdozju.***" Dan kien fl-1952.



### *Ir-Rużarju tal-Politiku*

Fis-7 ta' Novembru 1998 miet **Benigno Zaccarini** li kien segretarju tad-Demokrazija Kristjana. Matul l-ewwel gwerra kien tabib fl-armata taljana. Darba waħda rriskja ħajtu. Fost ruxxmata balal, mar idewwi suldat ferut. Fil-but qatt ma żamm pistola. "***Din hi l-arma tiegħi... ir-rużarju***".

### *Ir-Rużarju tax-Xjenzjat*

**Enrico Medi**

***X'inhu r-rużarju? Hu katina ħelwa ta' Ave Marijiet li tgħaqqad l-art mas-sema.***

***Wara l-ewkaristija u l-bibbja, ma hemm xejn aktar ħelu u aktar ta' faraġ mir-rużarju.***

***Ir-rużarju hu għajn żgura ta' faraġ, ta' serħan u ta' paċi tal-qalb. O rużarju ħelu t'Ommna Marija, bik irridu ngħixu, bik irridu mmutu, bik irridu naslu sal-glorja tas-sema.***

*(Rilanciamo il Rosario. Napoli.)*

### *Ir-Rużarju tal-Kompożitur*

Mascagni, il-kompożitur tal-*Cavalleria Rusticana* ngħaqad mal-folla ikanta fis-santwarju ta' Montenera ġewwa Livorna. Wieħed patri ħabib tiegħu qallu;- "Nifraħlek li erġajt irritornajt għall-fidi". Mascagni wieġbu;- "X'jiġifieri rritornajt għall-fidi? Kun af li jien qatt ma abbandunajt l-fidi...

"Trid il-prova?" U mill-but ħariġlu il-kuruna. "***Il-kuruna dejjem tħarisni***". U fl-opra *Cavalleria Rusticana* daħħal innu mill-isbaħ lill Madonna.

*(Omelie: Ediz. Domenicane, Nru. 284. 31/5/1988.)*

BOOKMARK

# *"Il-Ħarsien tal-Kmandamenti"*

## - ktieb ġdid fuq suġġett li jolqot lil kulħadd

***Patri Guido Schembri O.F.M., Il-ĦARSIEN TAL-KMANDAMENTI, Katekeżi Biblika Pastorali nru.7, Lumen Christi Publications, Għawdex, 2003, pp. 72, Lm1.50ċ.***




*Il-ktieb li qed nippreżenta huwa wieħed tassew oriġinali; fis-sens li l-awtur, il-biblista magħruf sew magħna, Patri Guido Schembri O.F.M., qed jagħtina ktieb ieħor din id-darba dwar il-Kmandamenti t'Alla u it-tifsir ġenwin tagħhom. U sabiex dan ikun tassew hekk, l-awtur l-ewwel li jitlaq mill-Kotba Mqaddsa. Wara dan, l-awtur isaħħaħ it-tagħlim tiegħu mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u xejn anqas minn qaddisin kbar u għorrief tal-Knisja. Hekk min hu onest ma għandu jifdallu ebda dubju dwar is-siwi ta' dan il-ktieb ta' Patri Guido, frott ta' snin kbar ta' esperjenza fil-qasam tat-tagħlim tal-Bibbja lil kull kategorija ta' nies, u xejn anqas tal-kitba. Dan il-ktieb ġdid huwa prova ċara tal-kapaċità komunikattiva tiegħu.*

*Illum aktarx issib min jistaqsi: Imma dawn il-liġijiet għad fadal daqshekk ħtieġa tagħhom? Għad fadal bżonnhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum? Meta inti taqra u tixtarr dak li Patri Guido kiteb b'ċertu ħsieb, u tara kemm daħal fil-fond ta' kull kmandament, int dritt u waħdek tieħu tweġiba sinċiera għad-diffikulta' tiegħek. Hekk biex nagħti eżempju, fil-ħames kmandament, l-awtur mhux biss isemmi kemm huwa delitt ikrah il-qtil imma wkoll dak kollu li jidħol taħt dan is-suġġett bħal l-ewtanasja diretta, is-suwiċidju, il-ħtif u t-tehdid ta' ostaġġi, it-terroriżmu, it-tortura, l-amputazzjoni, il-kamikaże, is-sewqan perikoluż, eċċ. Hija tassew katekesi moderna, "to the point", gwida ċara għall-ħajja tassew tan-nisrani ta' llum. Laqtitni ħafna l-parti dwar il-moralità tal-gwerra, f'paġni 41-42. Ta' min jiżen il-kwistjoni attwali tal-gwerra tal-Iraq fuq dawn il-prinċipji!*

*Fl-aħħar ta' kull kmandament hemm numru ta' mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett. Mela għandek tassew forma ta' katekiżmu. Hawn l-awtur juri lil min l-aktar li kellu f'moħħu meta fassal dan il-ktieb. Il-katekisti: dawn għandhom missjoni tassew kbira u tant meħtieġa fi żminijietna. Għaliex fil-mistoqsijiet li ħejja l-awtur, wieħed juri jekk ikunx fehem is-suġġett ittrattat jew le. Xi drabi l-katekist jikkonfondi x'se jippreżenta lin-nies ta' quddiemu. Issa Patri Guido offrielna għajnuna oħra siewja u meħtieġa f'katekesi ċara għal kulħadd, bi stil mexxej imma dettaljat, bi prinċipji sodi fi kliem sempliċi.*

*Stampat fuq karta ċara ħafna, tipi kbar u mqassam f'paragrafi li ma tiddejjaqx biex taqrahom. Lil Patri Guido nirringrazzjah għall-għodod tal-kotba tant meħtieġa li għadu jagħtina, minkejja l-età kbira li Alla għoġbu jżejnu biha, fil-waqt li nħajjar biex ktejjeb ħafif imma fl-istess ħin mimli tagħlim għal ħajja tagħna ta' kuljum isib postu ma' manwali oħra ta' tagħlim. Ktieb bħal dan jeħtieġu ftit jew wisq kulħadd!*

***Mons Lawrenz Sciberras***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO, MALTA
TEL : (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX : (356) 2156 0133
e-mail : tokk@johnportelli.travel.com.mt
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA
TEL : (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX : (356) 2124 7536
e-mail : sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -115

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2003

# FTEHIM GĦAL PROVVISTA TA' LAĦAM

Id-dokument numru mija u ħmistax li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' ftehim ġuramentat magħmul nhar it-13 ta' Ġunju, 1703, tliet mitt sena ilu. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta ta' l-Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1702–1703), folju 65r (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 65r).

Din li ġejja hi l-ewwel silta minn dan il-ftehim, li kif wieħed jista' jinnota, mhux miktub bħas-soltu bit-Taljan–Sqalli, iżda bil-Latin.

***Petrus Zarb quondam Angeli, melitensis da casali Balzan macellarius presenti coram nobis sponte promisit et iurabit se obligando insuper se obligavit cum Dominico Camilleri ceterisque laniis insolvendo obligavi ad providendum et serviendum perlatere huius Insulae Gaulos carne cuicumque animalium generis in iusto appaltus carnis rogatu...***

Matul ix-xahar ta' April 1703, l-Universitas ta' Għawdex kienet għamlet *appaltus* jew sejħa għall-offerta pubblika għal min ried jipprovdi l-laħam lill-gżira ta' Għawdex.

L-offerta milli jidher ħadha wieħed Għawdxi Dumink Camilleri, iżda dan kien tefa' l-offerta f'isem kuntrattur Malti, Pietru Zarb, bin Anġlu, minn Ħal Balzan. Pietru kien *macellarius*, kuntrattur għall-provediment ta' l-ikel, bl-Ingliż, *victualler*. Din il-kelma ġejja mil-Latin *macellum*, pitkalija.

Il-popolazzjoni ta' Għawdex fil-bidu tas-seklu tmintax kienet qorbot lejn il-ħamest elef u għalhekk kien meħtieġ proviżjon mhux ħażin. Dumink mhux biss kien sħab ma' Pietru Zarb, iżda wkoll ma' diversi *lanii* jew biċċiera Għawdxin oħra. Minn din ir-riferenza għall-biċċiera, jidher li l-offerta pubblika saret għall-proviżjon tal-laħam biss u mhux ta' ikel ieħor.

Dawk li ħadu l-offerta ta' April, kif tniżżel fil-ftehim iffirmat taħt ġurament quddiem l-uffiċċjali ta' l-Universitas nhar it-13 ta' Ġunju, 1703, intrabtu li jipprovdu laħam ta' kull xorta ta' bhejjem, skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien tal-poplu Għawdxi.

Dan id-dokument jagħtina ħjiel li fil-bidu tas-seklu tmintax, Għawdex kien hawn l-iktar tjur, kif ukoll mogħoż u nagħaġ, li l-laħam tagħhom kien jittiekel ukoll. Iżda qisu ftit kien hawn baqar u ħnieżer għall-qatla, għaċ-ċanga u l-majjal.

Din hi l-ewwel darba li fl-Atti ta' l-Universitas iltqajna ma' offerta ta' din ix-xorta. Hi probabbli li l-ftit bhejjem għal qatla f'Għawdex ma kinux biżżejjed għad-domanda, domanda li bdiet tiżdied meta l-qagħda tal-Għawdxin bdiet ġejja 'l quddiem. Jixhed dan it-titjib fil-qagħda ġenerali ta' Għawdex il-bini ta' knejjes ġodda li kien għaddej dik il-ħabta Nadur u x-Xagħra.

B'iktar flus fl-idejn, żdied l-istandard tal-għajxien, u kibret id-domanda għal-laħam. Bil-mod il-mod, fl-irziezet ta' Għawdex bdew jitkabbru iktar bhejjem għall-qatla biex inkunu jistgħu ilaħħqu mal-ħtieġa.





TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (17)



# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 7. *Il-Ħolqien tal-Bniedem*

L-oriġini jew il-bidu tal-bnedmin hija storja rrakontata sa mill-ewwel kapitlu tal-Ġenesi, l-ewwel ktieb tal-Bibbja. L-ewwel bnedmin Adam u Eva, ġew maħluqa minn Alla, fuq ix-xbieha tiegħu nnifsu (Ġenesi, 1,26). Kien allura, ħolqien "speċjali" differenti minn dak li bih bdew jeżistu l-ħlejjaq l-oħra.

Skond ir-rakkont bibliku, Alla sawwar il-ġisem ta' Adam mit-tajn jew mit-trab ta' l-art u nefaħlu f'wiċċu n-nifs tal-ħajja; dan ifisser li l-persuna umana maħluqa fuq xbieha t'Alla innifsu hija fl-istess ħin korporali u spiritwali, għandha element materjali u r-ruħ li mhix materjali. Ir-rakkont bibbliku jesprimi din r-realtà, b'lingwaġġ simboliku, meta jgħid: "**Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejħ nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ruħ ħajja.**" (Ġen 2,7). Ċioè, Alla minn element materjali, sawwar il-ġisem ta' l-ewwel bniedem u nefaħ fih jew taħ in-nifs tar-ruħ, li hija element spiritwali. Il-bniedem kollu kemm hu, huwa ħlieqa li riedha Alla: "Il-bniedem maħluq xbieha t'Alla, hu fl-istess ħin, esseri korporali u spiritwali. Ir-rakkont bibbliku jfisser dan bi kliem simboliku" (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 362). Din hija l-versjoni l-iktar antika tar-rakkont tal-ħolqien tal-bniedem u imsejjħa versjoni "*Jahwistika*". Hemm ukoll versjoni iktar reċenti jew versjoni magħmula minn xi saċerdoti tal-Lhud, u din tinsab fil-Ġenesi, (1, 26-30) li tgħid: "**Alla ħalaq il-bniedem fuq xbiħietu, fuq xbiħat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom. U berikhom Alla u qalilhom: "Nisslu u oktru, u imlew l-art u aħkmuha.**"

Mir-rivelazzjoni nafu li l-ġisem ta' Adam beda jeżisti b'att ta'kreazzjoni medjata jiġifieri Alla ma ħalqux mix-xejn bħal ħlejjaq oħra, iżda sawwru minn materja ġià pre-eżistenti jiġifieri mit-trab jew tajn ta' l-art. Iżda r-ruħ ta' Adam, ċioè l-element spiritwali u razzjonali li hemm fil-bniedem, sar bi kreazzjoni dritta u immedjata. U dan iffisru l-kelmiet tal-Bibbja "nefaħlu f'wiċċu" ("r-ruħ"). Ir-ruħ immortali ta' l-ewwel bniedem kienet imżejna bl-intellett u bir-rieda libera. Il-Knisja Kattolika tgħallem mhux biss li ħalaq direttament r-ruħ ta' Adam, iżda wkoll li huwa jaħlaq direttament kull ruħ umana, mat-tnissil ta' kull bniedem, peress li kull ruħ hija spiritwali. Din il-verità li r-ruħ hija spiritwali kienet ġiet definita fil-Konċilju ta' Vienne (A.D. 1311-1312) u konfermata fil-Ħames Konċilju tal-Lateran (1512-1517).

Il-Knisja kkundannat kemm it-tagħlim ta' dawk li jżommu li r-ruħ bħall-ġisem titnissel mill-ġenituri (Denzinger, 533) kif ukoll it-tagħlim ta' dawk li r-ruħ kienet teżisti qabel ma' ngħaqdet mal-ġisem (Denzinger, 236; KKK, 335).

Eva, l-mara ta' Adam u omm il-bnedmin kollha kienet magħmula minn Alla wkoll u meħuda mill-ewwel bniedem. Kif tgħid il-Bibbja, waqt li Adam kien rieqed f'raqda profonda, Alla ħadlu waħda mill-kustilji tiegħu u minn dan l-element materjali, sawwar il-ġisem ta' l-ewwel mara, mbagħad b'att ta' kreazzjoni sawwab fih ir-ruħ. Skond il-Kummissjoni Bibblika, (Tweġiba III, tat-30 ta' Ġunju 1909 dwar il-karattru storiku ta' l-ewwel tliet kapitli tal-Ġenesi) il-Knisja żżomm li Alla, b'att speċjali, ifforma il-ġisem ta' Eva mill-ġisem ta' l-ewwel bniedem kollu, nkluża Eva nfisha li ġiet maħluqa minn kustilja tiegħu. Iżda kif il-Knisja għandha bħala figura jew immaġini profetika tagħha lil Eva, hekk Adam huwa figura jew tip ta' Kristu, li minnu ġejja kull ħajja tal-grazzja. Il-kliem tal-Ġenesi allura, għandhom mhux biss tifsira letterali, iżda wkoll tifsira jew interpretazzjoni tipika jew mistika.

### *Ix-xjenzi u l-ħolqien ta' l-ewwel bniedem.*

Rigward il-bidu tal-ħajja umana, teżisti diffikultà mhix żgħira kif jiġu interpetati l-ewwel tliet kapitli tal-Ġenesi sabiex tiġi mħarsa min naħħa l-waħda l-fedeltà lejn ix-xhieda tat-test bibliku u min naħħa l-oħra, tkun tista tiġi rikonċiljata mal-konklużjonijiet veri u l-istorja tal-ħolqien ta' l-ewwel raġel u l-ewwel mara bħala rakkont simboliku jew nieqes mill-verità storika u nsistew li skond is-sejbiet tax-xjenza, il-bniedem, beda jeżisti permezz ta' l-evoluzzjoni.

L-enċiklika "*Humani Generis*" tat-12 ta' Awissu 1950 tal-Papa Piju XII, dwar il-ġrajjiet bikrin tal-eżistenza umana tgħidilna li l-Maġisteru tal-Knisja , ma jipprojbixxix li l-kwistjoni tal-"evoluzjoniżmu" tiġi ttrattata u studjata fir-riċerka u fid-diskussjoni ta' nies esperti kemm fil-kamp tax-xjenzi, kif ukoll f'dak tat-Teoloġija Mqaddsa. Fi kliem ieħor mhux ipprojbit li jsiru studju u tfittix dwar il-oriġini tal-ġisem tal-bniedem, bħal li kieku kellu bidu minn materja ħajja li



diġa kienet teżisti qabel; iżda il-fidi kattolika tobbligana li nemmnu li kull ruħ tiġi maħluqa immedjatament minn Alla. Però dan l-istudju "għandu jsir b'ċertu mod li r-raġunijiet taż-żewġ opinjonijiet, ta' dawk favur u ta' dawk kontra l-evoluzzjoni jintiżnu u jiġu mistħarġa bis-serjetà, bil-moderazzjoni, kif jixraq; basta li kulħadd ikun lest li joqgħod għall-ġudizzju tal-Knisja, li lilha ġie mogħti l-mandat minn Kristu, kemm li tinterpreta l-Iskrittura Mqaddsa, kif ukoll li tiddefendi d-dommi tal-Fidi. Iżda xi wħud jabbużaw minn din il-libertà ta' riċerka, meta jġibu ruħhom, bħal li kieku l-oriġini tal-ġisem tal-bniedem, minn materja ħajja li kienet eżistenti qabel, diġa ġiet ipprovata bħala ċerta b'sinjali u b'sejbiet li saru s'issa u b'argumenti mibnija fuqhom".

L-evoluzzjoni, jew kif isejjħulha wkoll "**il-kreazzjoni derivattiva**" hija teorija li tista' tiġi applikata fix-xjenzi li jittrattaw il-flora u l-fawna, cioè jistudjaw il-ħxejjex u l-bhejjem, għaliex dment li tibqa' f'dan il-kamp, la tolqot il-verità filosofika u l-anqas it-teoloġija; għaliex din it-teorija dment li ma toħroġx barra mill-kamp tax-xjenza, ma tiċħadx il-ħolqien bħala opra tal-omnipotenza ta' Alla, iżda tispjegah bħala żvilupp u proċess ta' tkabbir fil-ħajja; iżda, d-diffikultà mhix żgħira tinħoloq meta tiġi studjata l-ħajja tal-bniedem u l-oriġini tal-ġisem uman. Hemm bżonn qabel xejn li b'ebda mod ma tiġi miċħuda l-azzjoni tal-Ħallieq biex joħloq ruħ ta' bniedem, anke jekk dan isir minn xi organiżmu jew ħaġa ħajja li kienet teżisti qabel. Din it-teorija hekk imsejjħa "**trasformiżmu moderat**" forsi b'xi mod, kif tgħidilna l-enċiklika "*Humani Generis*" stess, tista' tiġi rikonċiljata mad-duttrina kattolika, kieku kien hemm bżonn li jsir hekk; iżda din ir-rikonċiljazzjoni m'hix meħtieġa, għaliex it-trasformiżmu, meta jirrigwarda l-bidu tal-bniedem, huwa biss ipotesi jew opinjoni ta' xi xjenzjati u mhux konklużjoni pprovata xjentifikament bi provi sodi.

Teorija oħra li ma taqbilx mat-tagħlim kattoliku hija it-"**transformiżmu assolut**", kif mgħallma minn Charles Darwin u xi xjenzjati oħra. Dawn kienu jżommu li l-bniedem kollu kemm hu, ġisem u ruħ, huwa r-riżultat ta' evoluzzjoni naturali minn għamliet ta' annimali inferjuri, bħal ma hija x-xadina, u għalhekk ma jibqax iktar lok ta' intervent ta' Alla, jiġifieri tiġi miċħuda d-duttrina tal-kreazzjoni tal-bniedem. It-trasformiżmu assolut mhux biss huwa oppost għall-Kristjaneżmu, iżda wkoll huwa theddida għal kull reliġjon.

Il-Pontifiċja Kummissjoni Bibblika, għad-domanda jekk wieħed jistax jiddubita mit-tifsira (sens) letterali storika, dwar xi fatti msemmijin fil-bidu tal-Ġenesi, bħal ma huma: "l-ħolqien speċjali tal-bniedem, il-formazzjoni ta' l-ewwel mara mill-ewwel bniedem, l-unità tar-razza umana, l-hena tal-bidu tal-proġenituri fl-istat tal-ġustizzja, integrità u immortalità, l-kmand mogħti minn Alla lill-ewwel bniedem biex jipprova l-ubbidjenza tiegħu, l-ksur tal-kmandament ta' Alla, wara t-tentazzjoni tax-xitan, taħt għamla ta' serp, it-telfa (waqgħa) tal-proġenituri tagħna, mill-istat tal-innoċenza tal-bidu, u l-wegħda ta' feddej li kellu jiġi", fit-30 ta' Ġunju 1909, (III) tagħt tweġiba negattiva, jiġifieri li **dawn il-ġrajjiet għandhom jiġu nterpretati bħala fatti storiċi**.

Lil Adam u lil Eva, Alla qegħdhom fil-ġnien ta' l-Eden, jew ġenna ta' l-art. Barra milli żejjinhom bid-doni tan-natura, bħal ma huma s-sensi u s-setgħat tar-ruħ, Alla tahom ukoll ċerti privileġġi straordinarji jew doni ta' barra min-natura, bħal ma huma l-ħlusija mill-mard, mit-tbatija u mill-mewt. Huma kienu wkoll ħbieb t'Alla, jiġifieri kellhom id-don sopranaturali tal-grazzja qaddisa.

**ĊITTADINANZA Awstraljana. Tliftha? Akkwistaha lura! Għal ċittadinanza doppja mur fuq www.lawmatters.org (u kklikkja fuq "Aus. Citizenship")**




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Is-Sittax-il Parti )*

### *Ir-Raħħal*

Dak li jrabbi **mrieħel** jew **għanem** ta' bhejjem: nagħaġ, mogħoż, fart, aktar jissejjaħ **raħħal** milli **bidwi**.

Xi drabi kien ikun hemm bdiewa li ma kienx ikollhom il-**wott** (bodbod tal-għalla) jew il-**kibx** (muntun) tagħhom biex **igħammru** l-mogħoż u n-nagħaġ. Allura fil-każ tal-mogħoż, kien ikun hemm raġel, imsejjaħ **"tal-wott"**, li kien idur bil-wott tiegħu biex igħammar il-mogħoż tan-nies, u ta' dan ix-xogħol kien jieħu xi ħaġa żgħira tal-flus.

Drabi oħra, xi raħħal kien jiġbor il-mogħoż u n-ngħaġ u jżommhom għandu sakemm jitgħammru, u wara jeħodhom lura għand sidhom u jieħu l-ħlas. Issa għandkom tkun tafu li l-mogħoż u n-ngħaġ **iferfru denbhom** meta jkunu sħan bil-ġorma, iżda wara li jitgħammru ma jibqgħux jagħmlu hekk u allura r-raħħal ikun jaf li huma lesti.

It-trobbija ta' l-annimali hija gosti. Dari kien hawn bdiewa li jispeċċjalizzaw fit-trobbija ta' xi annimal partikulari, per eżempju, il-**majjal**. Kuħadd gostih, għax avolja l-ħanżir annimal maħmuġ, hawn min irabbih ukoll. Għalhekk il-qawl igħid, **"Min irabbi l-ħanżir, imma min irabbi jsib."** Jiġifieri, trabbi xi trabbi, jekk trabbi ssib, imma jekk ma trabbix ma ssib xejn. Dwar il-majjali u laħamhom, qawl ieħor igħidilna, **"Ixtri l-majjal fix-xhur ta' l-erre"**. Dan il-qawl jixbah ħafna qawl simili li jgħid meta għandek tagħmel u tixtri l-ġbejniet.

Iż-żiemel hu annimal importanti ħafna għall-bidwi. Isimgħu dan il-qawl, **"Jitla' r-rampa żiemel rett, żiemel sfrattat itajjar ix-xedd."** Dari kien importanti ħafna li l-bidwi jkollu dejjem bhejjem tal-ġarr mansi kemm jista' jkun għax bihom kien ikollu jaħdem. Żiemel li kien jitħalla għar-razza, **żiemel tar-refgħa**, kien jissejjaħ **faħal**.

### *Il-Mergħa*

Il-bdiewa u raħħala, dari aktar mil-lum, kienu jirgħu l-bhejjem u l-merħliet tagħhom. Kienu joħorġuhom jirgħaw, kemm fir-raba' tagħhom kif ukoll f'bosta nħawi oħra tal-kampanja. Il-postijiet fejn ir-raħħal jew il-bidwi kien jirgħa l-bhejjem tiegħu kienu dawn:

**Raba' battal.** Dan ifisser raba' li ma jkun fih ebda wiċċ, jew għax il-wiċċ ikun inġabar jew għax ikun għadu ż-żmien biex wieħed jaħdmu u jiżirgħu. Billi l-ħaxix jikber malajr, il-bdiewa u r-raħħala kienu jieħdu l-bhejjem tagħhom biex jirgħu f'raba' bħal dan. Dari kienu jirgħu b'mod speċjali f'dak ir-raba' fejn ikun għadhom kemm inħasdu s-silla u ż-żara', billi f'raba' bħal dan il-bhejjem isibu sewwa xi jlaqqtu.

**Raba' ġmiem.** Dan ifisser raba' mitluq jew li kien ikun tħalla battal u fih ma nżera' xejn. Raba' bħal dan itella' ħafna ħaxix selvaġġ, biċċa tajjeb għall-ikel, u biċċa jkun ħażin. Il-bhejjem kienu jkunu jafu liema hu l-ħaxix it-tajjeb u liema hu l-ħażin. Għalhekk kienu jagħżlu dak li ma jagħmlilhomx ħsara u jiskartaw il-ħażin.

Xi drabi kien ikun hemm min imur jirgħa l-bhejjem tiegħu fir-raba' ġmiem tan-nies. Dan ġie li qala' xi nkwiet bejn is-sid u r-raħħal, għax ma kenitx ħaġa sewwa li wieħed imur bil-bhejjem tiegħu f'tan-nies bla permess ta' xejn. Biex iwaqqfu abbuż bħal dan, il-bdiewa ġie li kienu jagħmlu borġ.

**Art moxa.** Art moxa tfisser art li mhix raba', u aktarx tkun spazju pubbliku, imma fil-ftit ħamrija li jkun hemm jikber ħafna ħaxix, li jista' jkun tajjeb għall-ikel. Il-bhejjem dari kienu jirgħuhom ukoll

f'postijiet bħal dawn. Dan kien inaqqas l-abbundanza ta' ħaxix selvaġġ bħal xewk, bużbież, ferli, fidloqqom, billi l-bhejjem kienu jikluh meta jkun għadu żgħir u tari.

**Widien.** Il-widien kbar u żgħar, jikbru fihom kotra kbira ta' ħxejjex. Għalhekk dawn kienu postijiet mill-aqwa biex fihom isir ir-ragħa tal-bhejjem tal-ħalib. Xi drabi l-imrieħel tal-bhejjem kienu jitħabblu f'xulxin, imma, bħalma jgħid il-Vanġelu, dawn jagħarfu lil sidhom u jmorru warajh. U jekk xi waħda tmur mal-merħla l-oħra is-sidien kienu jindunaw mill-ewwel, wieħed għax jagħraf li tkun tiegħu, u l-ieħor għax jagħrafha li tkun barranija!

**Ix-Xagħri.** Ix-xagħri tfisser art kollha blat fejn jikber kull xorta ta' ħaxix selvaġġ. Hawnhekk ukoll kienu jmorru l-bdiewa u r-raħħala jirgħu l-bhejjem. Ħafna drabi x-xagħri kien ikun komuni għal kulħadd. Imma kien hemm xagħri li kien art privata.

**Il-Qortin.** Il-qortin hu xagħri fil-għoli li jħares jew għal fuq il-baħar jew għal fuq xi wita kbir. L-istess bħal fil-każ tax-xagħri, il-qortin kien jintuża minn kulħadd, jew inkella minn min kien iħallas il-kera.

## *L-Egħxur jew il-Primizji*

Nieqfu ftit biex ngħidu xi ħaġa dwar xi drawwiet ta' dari li għandhom x'jaqsmu mal-biedja. Fl-antik il-bdiewa u r-raħħala kienu obbligati li jagħtu parti mill-prodotti tagħhom lill-kappillan tal-parroċċa. Flus fl-idejn ma kienx hawn ħafna, allura l-kappillan kien idur jiġbor il-prodotti tar-raba' nfushom, imbagħad ibigħhom ħalli bil-flus li jdaħħal ikollu biex igħix. Din il-ħaġa kienu jagħmluha wkoll il-patrijiet. Il-patrijiet, iżda, bi tpattija kienu jqassmu oġġetti żgħar bħala devozzjoni bħal ngħidu aħna l-**ħobż ta' San Nikola, il-ħobż ta' Sant' Antnin, iż-żebbuġ imbierek,** wara Ħadd il-Palm, **il-għażżiela** taż-Żebbuġ. Fit-tberik lill-kappillan jew arċipriet kienu wkoll jagħtuh xi ħasi jew xi tiġieġa. Għalhekk, meta kien idur l-irziezet kien jieħu miegħu raġel bil-**gabbjuni** fuq il-karrettun ħalli dak li jiddobba jpoġġih ġo fihom. Lis-sagristan kienu jagħtuh bajd jew ġbejniet.

## Opri Ġodda

Meta l-kappillan kien ikun se jagħmel xi opra ġdida kien joħroġ ukoll jiġbor il-prodotti tar-raba', per eżempju, tant qattiet taż-żara' jew tas-silla, tant balal tal-qoton jew tal-maħluġ, tant Kemmun u hekk, biex imbagħad jinbiegħu u l-flus li jdaħħal imorru b'riżq dik l-opra. Hawnhekk ta' min isemmi li l-knisja parrokkjali ta' l-Imġarr, Malta, inbniet għamla ta' bajda għax il-bdiewa ta' dik il-parroċċa kienu jagħtu l-bajd bħala l-kontribuzzjoni tagħhom biex tinbena l-knisja.

## Il-Fellus tal-Patri

Il-patrijiet Kapuċċini kellhom ukoll id-drawwa li jqassmu fellus fl-irziezet Għawdxin. Dan il-fellus, imbagħad, jitħalla jikber għand il-bidwi li jkun.



Meta jgħaddi żmien biżżejjed li l-fellus ikun kiber u laħaq li jista' jinbiegħ, il-Fra tal-Kapuċċini kien jerġa' jdur jiġbor dawk il-flieles biex ibigħhom, u l-flus li jdabbar tagħhom imorru b'riżq il-kunvent jew il-festa, skond għalfejn ikunu tqassmu l-flieles.

Min irabbi l-fellus ġie li kien ikun irid iżommu. Allura kien iħallas prezzu lill-Fra. Ġieli wkoll li kien imut, imma l-Fra xorta waħda kien jiddobba xi ħaġa tal-flus ta' dak il-fellus, għax wara kollox din il-biċċa xogħol kienet issir bħala għajnuna lill-kunvent tal-patrijiet.

## *Il-Ħanżira ta' l-Erwieħ*

Il-ħanżira ta' l-erwieħ kienet ħanżira li tintelaq f'xi wied u li kienet tgħix b'dak li jagħtuha n-nies u milli tlaqqat minn hemmhekk. Meta tikber, imbagħad, kienu jaqbduha u jbigħuha, u l-flus li jdaħħlu jagħmluhom quddies b'suffraġju għall-erwieħ tal-purgatorju.

Iżda kien hemm drawwa oħra marbuta ma' din il-ħanżira. Dari fil-jum tal-Għid ta' l-Erwieħ, kienu jagħmlu ikla lill-fqar b'suffraġju lill-erwieħ tal-Purgatorju u biex isajruha bħala ikel kienu joqtlu proprju dik il-ħanzira - il-ħanżira ta' l-erwieħ.

Jingħad li Wied Ħanżira bejn ix-Xewkija u ta' Sannat f'Għawdex, issemma hekk għax fih kienu jitilqu l-ħanżira ta' l-erwieħ.

## *Il-prodotti li jiġu mill-bhejjem*

Il-bhejjem li l-bidwi jew ir-raħħal irabbi fir-razzett jagħtuna l-ikel. Dan l-ikel jiġi jew mil-laħam tal-bhima nfisha, inkella mill-prodotti li l-bhima tagħti.

Dawn il-bhejjem li se nsemmi kollha jistgħu jagħtuna l-laħam:

a) **Bhejjem tat-tagħbija jew ta' laħam il-kelb**: iż-żiemel, il-bagħal u l-ħmar. Meta l-bhejjem ikunu xjuħ, il-laħam ikun xieref u mhux daqstant tajjeb. Iżda meta jkunu għadhom żgħar, per eżempju, meta xi żiemel tat-tiġrija jikser saqajh u jkollhom joqtluh, dak laħmu jkun tari u tajjeb.

b) **Bhejjem ta' l-ifrat**: il-gendus, il-baqra, il-barri, u l-għoġiela. Dawn jagħtuna l-laħam taċ-**ċanga** u tal-**vitella**. Meta l-annimal ikun xiħ, allura l-laħam ikun xieref. Meta jkun żgħir ikun bnin u tajjeb. Dwar il-laħam, irrid ngħid li hemm diversi ismijiet tal-bċejjeċ tal-laħam, skond minn liema parti tal-ġisem ta' l-annimal jinqata'. Imma dawn id-dettalji jingħataw meta nitkellmu fuq ix-xogħol tal-**biċċier**. Il-laħam taċ-ċanga, imsejjaħ ukoll **laħam aħmar**, jista' jiġi pproċessat u minnu jsir il-*bully-beef*.

c) **Il-ħnieżer jew il-majjali**. Dawn jagħtuna l-laħam tal-**porku**. Mil-laħam tal-porku jistgħu jsiru prodotti oħra bħal perżut, *bacon*, *luncheon meat*, mortadella, u zalzett.

Dari l-porku kienu jmellħuh, u wara jittiekel bħala laħam immellaħ.

Il-laħam jista' jinbiegħ bċejjeċ sħaħ jew **qatgħat**, inkella mqatta' bil-magna mill-bejjiegħ jew **kapuljat**. Bil-laħam kapuljat jista' jsir iz-**zalzett**. Id-demm ta' dawn l-annimali jista' jissajjar u jitħawwar u jimtela f'biċċa musrana bħaz-zalzett. Dan jissejjaħ **mazzit**.

d) **In-ngħaġ, il-mogħoż, l-imtaten, il-bdabad u l-ħrief u l-gidjien** jagħtuna wkoll il-laħam. Il-laħam tan-ngħaġ u ta' l-imtaten jissejjaħ laħam tal-**muntun**; l-oħrajn jissejħu laħam tal-mogħża, tal-bodbod, tal-ħaruf, u tal-gidi.

Issa l-ħrief u l-gidjien jissejħu skond iż-żmien li jkollhom meta jinbiegħu: ta' tliet xhur, ta' erba' xhur, ta' sitt xhur. Meta ma jħalluhomx jerdgħu iżjed, jingħad li **joftmuhom**, mill-verb **fatam, toftom**. Il-ħrief u l-gidjien jinfatmu billi jlibbsuhom **sarima** tal-fildiferru. Għawdex kien hawn raħħala tan-ngħaġ u l-mogħoż li jinqalgħu biex jagħmlu s-**srajjem**, billi dari l-mogħoż kienu jlibbsuhom is-sarima biex ma jiklux karti meta jkunu jduru bihom ħalli jbigħu l-ħalib.

e) **Tjur:** It-tiġieġ, is-sriedek, il-ħusjien, il-ħamiem, il-papri, il-wiżż, il-farawni, id-dundjani u l-paguni, jagħtuna wkoll il-laħam. Il-laħam tat-tiġieġ u tas-sriedek hu l-aktar komuni u jissejjaħ **laħam abjad**, tajjeb ħafna għas-saħħa, għal waqt il-mard, u għad-dieta.

f) **Il-fniek**. Il-fniek jagħtuna wkoll **laħam abjad**, tajjeb ħafna għall-ikel. Ikla laħam tal-fniek tissejjaħ **fenkata** u hi marbuta b'mod tradizzjonali mal-festi tagħna, l-aktar l-**Imnarja**.

*(Jissokta)*




Smuggler's Cave
Bar ♦ Restaurant ♦ Pizzeria
Il-Menqa - Marsalforn
Tel: 21 551005 - 21 551983, Fax 21 559959

A Whole New Look

**Sharmain's Styling Salon**

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Da Luigi's**

**Restaurant & Wine Bar**

*For the finest food & best selection of wines*

**30 Manoel De Vilhena Street,**
**Mġarr - Gozo**

**Tel: 2155 8681 / 2156 1316**
**Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457**

**Xerri l-Bukkett**



**Bar**
**Restaurant Pizzeria**

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

**HILITE**

HARDWARE STORE

**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**

*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**TEKNO ZONE**

T.V.'s, Hi Fi Systems, Satellite Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.

Fortunato Mizzi Street, Victoria Gozo, Malta.
Tel/Fax: 2156 5304 Mobile: 79491809 / 99854176
email: teknozon@maltanet.net



**IL TERRAZZO**
**Bar & Restaurant**
*St. Simon Street, Xlendi, Gozo*
Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 21 550248 Mobile: 99446833

**FUQ L-INTERNET**

**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**

**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**






# Il-Mużew tal-Folklor tal-Għarb

Fir- raħal pittoresk tal-Għarb insibu mużew ieħor iddedikat lill-folklor Malti, u ngħid għalija ma setax jiġi organizzat f'lokal aħjar minn dan. Fil-fatt huwa miġbur ġo ambjent tipiku Għawdxi ħafna. Meta ssemmi dan ir-raħal timmaġina dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħidma tal-biedja , tar-raħħala, ta' kull tip ta' folklor Għawdxi u ta' mħuħ li jilħqilhom bil-bosta. Karatteristika oħra ta' dan ir-raħal antik huwa l-motto moħbi li jħaddan "Rajt ma rajtx, smajt ma smajtx." U dan jagħżlu minn kull raħal ieħor.

It-triq prinċipali twasslek fil-misraħ ewlieni tar-raħal tal-Għarb li fih tinsab il-knisja arċipretali, li ssibha faċċata tat-triq qisha omm b'dirgħajha miftuħa tistenna lill-uliedha. Sewwa sew inti u dieħel f'din il-pjazza, fuq in-naħa tal-lemin tilmaħ is-salib tal-ġebel li wieħed isib kważi f'kull pjazza tar-raħal, u ftit l-isfel minnu għandek issib binja ta' karattru Malti li fiha jinsab il-Mużew tal-Folklor tal-Għarb.

Il-binja nnifisha hija mqassma f'żewġ sulari bil-kmamar t'isfel kienu jintużaw għall-bhejjem filwaqt li dawk ta' fuq jew l-għorfa kienu jintużaw għall-abitazzjoni. Mela fl-ewwel kamra niltaqgħu mas-sengħa tal-istampar. Insibu għall-wiri magna ta' l-istampar, ittri taċ-ċomb li bihom kienu jikkomponu l-paġni kif ukoll pressa għall-legatura tal-kotba.

F'kamra oħra niltaqgħu mal-karettun tal-pitrolju li min jaf kemm il-darba rajnieh idur mat-triqat tagħna, aħna li għandna ċertu ammont ta' snin. Dan kien ikun armat bit-tank fuq il-karettun, li kien jinġibed mill-ħmar u bil-glalen, daqs iżgħar minn ieħor, imdendlin fuq in-naħa ta' wara taħt l-aħħar lasta. Ġeneralment il-bejjiegħ tal-pitrolju kien ikollu suffara li kien isaffar huwa u għaddej għal għonq it-triq. Bosta drabi kont tara mmedjatament wara l-karettun il-kelb, li fidil bħal dejjem issibu jiġri wara sidu.

Fost ħafna ħwejjeġ oħra nsibu kamra mdaqqsa ddedikata għall-ħobża Maltija, fejn insibu l-forn Malti, li kien jinħema bil-ħatab, it-tilari għall-għaġina fejn l-ħobża kienet toqgħod sa ma titla', il-qfief fejn kien jitpoġġa l-ħobż jaħraq li jkun għadu kemm nħareġ mill-forn. Fuq in-naħa ta' wara ta' dil-kamra naraw kemm il-lembija li fihom kienet issir l-għaġna. Insibu għall- wiri wkoll forom tal-gallettini u tal-kejkijiet.

Hemm imbagħad kmamar dedikati lill-ħaddied bil-forġa u l-għodda, l-għasir tal-għeneb, u f'din il-kamra nsibu magna ta' l-1920 li kienet titboq il-fliexken tal-imbid, il-ħanut tal-mastrudaxxa u s-sengħa tas-sajd. Insibu wkoll il-kċina mgħammra b'dak kollu bżonnjuż għaliha. F'naħa oħra nsibu dak kollu li għandu x'jaqsam mal-industrija tal-qoton. Dawk l-oġġetti marbuta mal-produzzjoni tal-ġbejniet bħal qwieleb u l-qannić, u l-oħrajn marbuta mal-produzzjoni tal-għasel jinsabu f'rokna apposta fuq il-bejt.

Xi ħaġa oħra differenti f'dan il-mużew huwa l-mezz tat-trasport. Hekk insibu l gabrijolina li kienet l-aktar użata minn nies li jistgħu. Uħud minn dawn il-mezzi sa anke kellhom it-tinda li setgħet tinfetaħ jew tingħalaq skond it-temp. Naraw ma din il-kollezzjoni l-karettun Irlandiż, il-karettun tat-tagħbija, kif ukoll il-karettun tal-bexxiexa biex ixarrab l-art li kienet tkun trab waħidha, speċjalment fix-xhur niexfa u sħan tas-sajf. Bħala tifel niftakarni f'Marsalforn niġru wara l-bexxiexa nippruvaw nixxarbu aħna stess biex nifriskaw mis-sħana . Ma nafx x'tip ta' ilma kien ikun.

Sengħa oħra murija hija dik tal-ħdim tan-nases u l-qfief tal-qasab. Illum dawn għadek issibhom imma l-aktar li jintużaw għad-dekorazzjoni. Id-dilittanti tas-sajd għadek tarahom jużaw in-nases speċjalment għal qbid tal-vopi jew vaporella. Minbarra dawn insibu x-xogħol tal-ħasira, li bosta Maltin u Għawdxin għadhom jużawha biex iżommu l-qilla tax-xemx fis-sajf milli taħmi d-djar, forsi mhux aktar biex nerfgħu salib il-ġara.

Interessanti huwa l-karettun tal-ħelu li kien joħroġ idur it-toroq tagħna b'ħafna karamelli, ħelu kulurit tas-sugu, sugu iswed twil, u ħafna ħelu ieħor. B'sitt ħabbiet jew sold kont tagħmel festa, imma aħna lanqas sitt ħabbiet ma kien ikollna u ġeneralment ma kienx jieqaf quddiemna. Aħna konna biss narawħ għaddej b'għajnejna imberrqin u tarf ilsienna jxarrab xoftejna nexfin qoxqox, nieħdu nifs qawwi 'l ġewwa, indawwru wiċċna u naħarbu, nkomplu nilgħabu u taparsi qisu ma għadda ħadd, għalkemm x'ħin inħossuh jieqaf quddiem xi ħadd li jista' jixtri, qalbna kienet tingħafas. Imma hekk kien iż-żmien.

Kamra nteressanti hija dik dedikata għall-ipproċessar tax-xemgħa. Sengħa li kienet tirrikjedi ċertu delikatezza peress li anke l-arti kienet tidħol fiha. Il-proċess kien ikun wieħed elaborat u għalhekk l-attrezzatura kienet waħda speċjali.

Niltaqgħu wkoll mal-ħanut ta' l-iskarpan mgħammar b'għodda bħal xifi, imselel kbar, is-sieq u oħrajn. Dari kważi f'kull triq kont issib l-iskarpan bħal-landier u ġieli aktar minn wieħed ukoll.

Bħalma għamilt drabi oħra nixtieq inħeġġiġkom tmorru tarawh dan il mużew tant interessanti li jiftaħ mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.30 ta' filgħodu u l-4.00 ta' wara nofs-inhar.











XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



*Il-katavru ta' Fra Baskal meta nfetaħ il-qabar fis-6 t'April 1953*

# Fra Baskal (1869-1937) 5. Miet b'Fama ta' Qaddis

**jikteb Angelo Xuereb**

Kull ħajja għandha t-tmiem tagħha. Iżda għal dawk li għexu "bi Kristu, fi Kristu, u ma' Kristu", il-mewt hija laqgħa ma' Alla.

It-tmiem ta' Fra Baskal fuq din l-art kellu jkun permezz ta' marda li damet iżjed minn tlett xhur. Fl-ewwel ġimgħat tal-marda tiegħu qagħad fil-kunvent, iżda t-tabib li kien qiegħed jikkurah ordnalu li jmur fl-Isptar Victoria, Għawdex. Kieku xtaq joqgħod fil-kunvent iżda meta ra l-insistenza tat-tabib obda.

Sħabu r-reliġjużi kienu jżuruh ta' spiss u kollha kienu jibqgħu mistgħaġba bir-rassenjazzjoni li kellu mar-rieda ta' Alla fit-tbatijiet. Jum qabel mewtu l-ordni Kapuċċin kien qiegħed jiċċelebra l-festa ta' San Franġisk Baylon, li tiegħu Fra Baskal kien devot ħafna. Żgur li dan il-qaddis tah l-għajnuna tiegħu sabiex jagħmel mewta mill-aktar eżemplari. Miet fit-18 ta' Mejju 1937, wara li rċieva l-vjatku. Wara li sarlu l-funeral mill-isptar li għalih attendew kotra kbira ta' nies, ġie midfun fil-kanirja tal-kunvent tal-Kapuċċini, f'Victoria, Għawdex.

Bi ftehim ma' l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace, u skond ma jitolbu l-liġijiet tal-Knisja, il-qabar ġie miftuħ u hekk saret ir-rikonjizzjoni uffiċċjali tal-ġisem tiegħu. Dawk kollha li kienu preżenti għar-rikonjizzjoni tiegħu raw li l-kadavru ta' Fra Baskal kien għadu jintgħaraf tajjeb. Wara l-katavru tiegħu ġie mqiegħed f'tebut taż-żingu. Dan it-tebut ġie ssiġillat b'żewġ siġilli: wieħed ta' l-Isqof ta' Għawdex u l-ieħor tal-provinċjal. Imbagħad dan it-tebut taż-żingu tqiegħed ġewwa urna u tqiegħdet fil-kanirja tas-Santwarju tal-Kappuċċini f'Għawdex.

Ta' min jgħid li wara r-rikonjizzjoni li saret fis-6 ta' April 1953, Patri Pietru Mamo, bħala provinċjal kiteb lill-Postulatur Ġenerali tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin, Patri Bennardin minn Siena u talbu jagħtih informazzjoni ta' x'hemm bżonn li jsir sabiex tinbeda l-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Fra Baskal.

Għalhekk fuq talba tal-Postulatur Ġenerali, il-Provinċjal talab lill Patri Anġlu Mizzi, kapuċċin ukoll, biex jikteb il-ħajja ta' Fra Baskal.

Ta' min jinnota li dan l-ajk ma' mietx bi fwieħa ta' qdusija biss iżda hemm il-kawża tal-beatifikazzjoni miftuħa Ruma.






*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 9949 5001 - Fax 21562211

TAL-ĦWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

**14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.**
**TEL: 2156 2160**

*Għawdxin li għadna niftakru - 5* *Minn Pawlu Mizzi*

# ĠUŻEPPA TA' ĠANNPATIST

Il-biċċa l-kbira tan-nies jafuha bħala Ġużeppa Debono mir-Rabat. Kienet fetħet id-dar ta' Lourdes. U tiġi oħt il-Ġeżwita Dun Anton Debono, il-missjunarju ta' l-Indja li kien beda l-missjoni Maltija ta' Jhansi. U jekk ma niżbaljax ukoll qariba ta' dawk it-tobba Debono li mit-tletinijiet 'l hawn tant għamlu isem għalihom u għal pajjiżhom fil-mediċina. Ġużeppa ħadet linja differenti. Bdiet tieħu ħsieb it-tfal ta' bla dittijiet. Dawk li jitwieldu barra ż-żwieġ, uħud imwarrbin, addirittura mitluqa. Saret tassew "omm" għat-tfal bla omm.

Kienet hi li bdiet ir-rivoluzzjoni siekta li f'anqas minn nofs seklu regħdet soċjetà sħiħa u ġabet f'sensieh lil kull min kien iħoss li hu tassew nisrani.

Lil Ġużeppa niftakarha sew. Mara twila aktarx xiplija, xi ftit inklinata, liebsa l-iswed sa truf saqajha. Moħħ ħsieb kull fejn taraha sejra. Donnha Marta tal-Vanġelu, ħsiebha x'sa tlesti biex malli jasal il-Mulej tilqgħu u jkollha x'tagħtih.

Kont kellimtha darba fil-ħamsinijiet.

Kien żmien diffiċli. Żmien ta' taqlib soċjo-politiku li mhux faċli tiddiskrivih. Herbert Ganado fil-ktieb tiegħu "Rajt Malta Tinbidel" jagħti xi ħjiel. Ftit, imma, juri l-istampa tal-faqar li kien qed jgħaffiġna. Materjalment u intellettwalment. Ħadd ma kien iħabbel moħħu la b'Ġużeppa Debono u lanqas b'seħbitha Mary Ballucci. Min kien jafhom! F'Malta n-nies kienet meħdija b'Mintoff u bl-*integration*! U f'Għawdex bil-kampanaliżmi, parroċċi u bażiliċi. U ftit ħsibna li madwarna f'dik l-istess parroċċa, li tant nistinkaw biex inżejnu, kien hemm ukoll min bi ftit attenzjoni tagħna sata' jkun aktar kuntent u anqas imtaqqal mill-hemm tal-ħajja. Konna għadna marbuta ma' mentalità ta' ħajja paternalistika, wirt li kien baqa' għandna minn żmien il-kavallieri. Mentalità ta' poplu tallab mibnija fuq il-karitajiet ta' ħakkiema bla rispett.

Niftakar għodwa waħda kont bilkemm irfist fl-*newsroom* tat-*Times of Malta* li Joe Storace, dak iż-żmien *news editor*, ma urinix ittra li kien għadu kemm irċieva. Kienet ta' korrispondent li għajnu għoqritu minn 'dik il-mara Għawdxija b'tifla ma' ġenbha tittallab fil-bieb ta' Putirjal'. Qal li kienet qed tagħmel għajb lill-Maltin tittallab m'għand kull baħri u suldat ingliż li jidħol jew joħroġ mill-Belt. Riedni niġbor informazzjoni dwarha biex ikun jaf x'għandu jwieġeb.

Ġużeppa dak iż-żmien kienet għadha kemm fetħet id-dar ta' Lourdes. U kellha diġà għadd ġmielu ta' trabi x'tieħu ħsieb. Ġidha kienet tatulhom kollu. U kemm l-Isqof Pace u kemm l-avukat Ġużè Pace kienu jagħmlu magħha kemm jifilħu. Biex tmantnihom u żżommhom sewwa bla neqsin minn xejn, ma kenitx tistħi tmur litteralment tiġbor bieb bieb hi u seħbitha Mary Ballucci.

Ngħid is-sewwa s-sens ta' filantropija fost l-Għawdxin ma kienx nieqes. Nies bħal Dun Nikolanġ Maħnuk u l-Can Dun Ġużepp Camilleri kienu ħallew ġidhom biex tinfetaħ skola u sptar għal nieshom. L-idea ta' l-iskola b'xejn kien ħolomha Għawdxi ieħor bħalna, l-isqof Pace Forno fl-1880 u warajh l-isqof Pietru Pace kien ukoll waqqaf konservatorju għal tfal bniet orfni. Filantropiċi nisa kellna ukoll, fosthom lil Margerita Debrincat u lil Carolina Casolani li l-opri tagħhom illum xterrdu f'artijiet 'l bogħod minn xtutna.

Il-kuxjenza ta' solidarjetà popolari, iżda, kienet għadha ma tfaċċatx qabel ma feġġet Ġużeppa Debono. Kienet hi u t-tallaba l-oħra Mary Ballucci bit-tisfiq ta' wiċċhom f' Bieb il-Belt fetħu qlub in-nies u firxu sodda soċjali għas-solidarjetà tal-poplu.

Dik il-ħabta, bħal kull ġurnalist li kien osservatur tal-ħajja madwaru, jien ma stajtx ma narax il-ħtieġa ta' nisa bħal dawn fis-soċjetà. Hekk kont għidtlu lil Joe Storace. Ħassejtni kburi nintebaħ fl-istħarriġ tiegħi b'aktar nisa f'kull qasam tal-ħajja jimitaw lil dawn il-pijunieri u jkunu aktar *caring* mal-proxxmu tagħhom.

Rajt lil Charlot ta'Awrelju ma' għadd ta' tfajliet oħra tagħmel il-pasti u l-figolli biex mill-bejgħ tagħhom jiġbru fondi għall-bini ta' l-Oratorju Don Bosco; lil Karmena tal-Piżatur tqassam fid-djar flieles u għawwietaq biex meta jikbru jinbiegħu b'risq il-fqar tal-parroċċa; lil Ġuża tal-Mazz tiġbor għall-missjoni ta' Dun Karm Attard; u lil Ġorġa ta' Ġorġ ta' Gerit torganizza xogħol tar-rakkmu u tal-bizzilla għall-knisja.



***Ġużeppa Debono kienet tassew "omm għat-tfal bla omm". Hawnhekk tidher fin-nofs imdawwra ma' l-ewwel grupp ta' bniet li hija ġabret fid-"Dar ta' Lourdes" mibnija għalihom fl-Imġarr, Għawdex.***

Joe Storace kien fehemni, u f'editorjal wara faħħar l-inizjativa nobbli ta' Ġużeppa Debono. Kliemu, iżda, ma rattabx il-qlub ta' min suppost kien jaf aħjar. Bl-ordni tal-pulizija Mary Ballucci twarrbet minn Putirjal u ma tħallietx lanqas taċċetta għajnuniet voluntarji m'għand in-nies. Fost il-poplu kien qam ferment. Kien hemm min interpreta l-azzjoni tal-pulizija bħala mossa politika. Illum, jien ngħid li kienet l-id tal-Provvidenza. Għax jekk ma serviet għal xejn it-tkeċċija ta' Mary Ballucci minn Bieb il-Belt, swiet ta' twissija biex il-poplu jintebaħ bin-nuqqasijiet tiegħu u jqajjem fih kuxjenza ta' solidarjetà ma' dawk li kienu jeħtieġu għajnuna bil-fatti u bi dritt.

Illum għandna riġmenti sħaħ ta' nisa lajċi Għawdxin li jagħtu kull minuta libera ta' ħajjithom għall-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar fil-bżonn. Nisa bħal Natalina Sultana fl-*OASI*, li ma tħediex tgħin lil min jixtieq joħroġ mill-vizzji tax-xorb jew tad-drogi; bħas-sinjura Bajada dedikata ma' grupp ta' ommijiet oħra fl-*Eden Foundation*; bħas-sinjura Vitorin Mizzi għall-anzjani, u bħas-sinjura Pace fil-*Hospice Movement*. Is-sorijiet Dumnikani stess, li kienu tassew l-anġli kustodji tat-tfal ta' Ġużeppa Debono; u Marija Attard, li b'imħabba li tgħaġġbek għarfet tagħder min jaf ma kemm tfajliet-ommijiet żgħar li kienu jeħtieġu għożża u simpatija, fid-dar imsemmija għal Ġużeppa Debono.

M' għandix dubbju li dan hu frott tar-rivoluzzjoni siekta li kienet bdiet Ġużeppa Debono fil-ħamsinijiet. Minn dik l-ewwel tarbija li ġabret minn fuq l-għatba sal-lum, għaddew aktar minn nofs seklu. Mijiet ta' tfal trabbew u kibru ma' djulha. Uħud minnhom illum ommijiet ta' familji kbar. Ilkoll mgħaġunin fl-għożża u bl-imħabba. Tpaxxejt nara waħda minnhom dan l-aħħar fuq programm televisiv! Stħajjiltni nara lil Ġużeppa magħha mdawra b'uliedha, iffesteġġjata minn ħutha. X'patrimonju nisrani ħalliet Ġużeppa! Kemm nitgħaxxaq nara lil Dun Ġorġ Grima ikompli fil-passi tagħha, bit-tfassil tal-Moviment tiegħu "Ġesu fil-Proxxmu", għal tfal oħra fil-Brażil, l-Etjopja u l-Afrika... Il-fjamma ta' qalb Ġużeppa, illum infirxet bħan-nar fi qlub oħra.

Kultant naħseb, min jaf fejn kienet tasal Ġużeppa kieku kellha x-*Xarabank* ta' Peppi Azzopardi! Ġużeppa, imma, lanqas karrettun ma kellha. Saqajn Mary Ballucci biss kienu għenuha biex waslet fejn waslet. Tassew mezz sieket u bla ħoss kif jaf jagħmel il-Mulej. Imma mezz sod li minn kull fejn għadda t-tkarwit tar-roti tiegħu dewa, u leħnu kien qawwi biżżejjed biex ħoloq l-għożża u l-imħabba li fasslu l-pedamenti ta' solidarjetà nisranija li ġensna tant hu magħruf għaliha llum.

# *Riżultat tal-Elezzjonijiet Ġenerali 2003*

# IL-ĦAMES RAPPREŻENTANTI GĦAWDXIN FIL-PARLAMENT IL-ĠDID



*GIOVANNA DEBONO (PN)*

Għall-Elezzjonijiet Ġenerali li saru fit-12 t'April li għadda, fuq it-tlettax id-distrett li jiġbor fih lill-Għawdex u lil Kemmuna ikkontestaw b'kollox 16 il-kandidat, 7 għall-Partit Nazzjonalista, 7 għall-Partit Laburista, u 2 għall-Alternattiva Demokratika. Il-kandidati tal-PN kienu David Apap, Anthony Attard, Frederick Azzopardi. Ġiovanna Debono, Victor Galea Pace, Christopher Said u Anton Tabone. F'isem l-MLP ikkontestaw Anthony Attard, Teddy Busuttil, Justyne Caruana, Joe Cordina, Anton Refalo, Joseph Vella u Michael Angelo Zammit. Għall-Alternattiva l-kandidati kienu Mark Causon u Ian Meli. Fuq it-tlettax il-distrett kien hemm b'kollox 23,632 persuna eliġibbli biex jivvutaw li minnhom ma ivvutawx 848 persuna. Dawk li tefgħu l-vot kienu 22,784 jiġifieri 96% ta' l-Għawdxin. Voti nvalidi kienu 300. Il-kwota għal dan id-distrett kienet ta' 3,748. Bħala tqassim tal-voti bejn il-partiti l-kbar, il-PN kiseb 13,217 vot li jiġi 58.78%, l-MLP ġab 9,177 li jiġi 40.82%.



*ANTON REFALO (MLP)*



*ANTON TABONE (PN)*

Id-Deputati Eletti kienu: Għall-Partit Nazzjonalista: Giovanna Debono li ġabet 6,691 vot, Anton Tabone li ġab 1,985 vot; u Frederick Azzopardi li ġab 1,285 vot. Għall-Partit Laburista: Anton Refalo ġab 4,298 vot, filwaqt li Justyne Caruana ġabet 1,896 vot.



*JUSTYNE CARUANA (MLP)*

Xieraq li ninnutaw li fost dawn il-ħames rappreżentanti qed nerġgħu naraw mill-ġdid lil Anton Tabone fil-kamp nazzjonalista, filwaqt li għall-Partit Laburista ġiet eletta għall-ewwel darba Justyne Caruana. Bl-elezzjoni ta' Justyne Caruana u ta' Giovanna Debono, Għawdex ser ikollu żewġ rappreżentanti nisa fil-Parlament għall-ewwel darba fl-istorja. Giovanna Debono ġiet mogħtija għat-tieni darba konsekuttiva l-inkarigu ta' Ministru għal Għawdex.



*FREDRICK AZZOPARDI (PN)*

F'isem il-qarrejja kollha ta' din ir-rivista, nifirħu lir-Rappreżentanti Għawdxin u nawgurawlhom ħidma kbira b'risq il-ġid ta' l-Għawdxin kollha.

# KULL QALB TRID OĦRA

## *L-Għotjiet tad-Demm f'Għawdex.*

*minn Fr. Eddie Zammit*

Mhux l-ewwel darba li smajna jew qrajna li fil-programm tal-festa titulari ikun hemm xi attività ta' karità bħalma hi l-għotja tad-demm. Għotja li minnha nnifisha tista' tqanqal ftit tal-kurżità speċjalment fost dawk li minħabba nuqqas ta' nformazzjoni joqgħodu xi ftit lura milli jagħtu dik li ħafna jqisuha waħda mill-ikbar għotjiet ta' karità. Biex nifmhu ftit kemm hi għażiża u prezzjuża din l-għotja rridu nifhmu kemm hu ndispensabbli d-demm għall-għijxien tal-bniedem nnifsu. Id-demm huwa dak l-element vitali li jżomm il-bniedem fil-ħajja. Hu permezz tad-demm li lid-diversi organi tal-ġisem jitwasslulhom l-ossiġenu, il-vitamini, l-ormoni, kif ukoll l-istess sħana li mingħajrhom il-ġisem tal-bniedem ma jgħix. Jiġri ħafna drabi bħal fil-każ ta' nċidenti tat-traffiku jew fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll f'interventi kirurġiċi ta' natura intensiva, li jintilef ħafna demm li irid jiġi sostitwit fil-ħin u bi kwantità adegwata biex il-ħajja stal-bniedem ma ssiriliex ħsara permanenti, u iktar minn hekk ma tintilifx. Kemm ħajjiet ġew salvati fil-ħin propju għax kien hemm donaturi tad-demm li b'responsbailità kbira ħasbu f'dawn ħuthom fil-bżonn ħafna qabel ma nqalgħet l-urġenza.

Hawn f'Għawdex bil-ħidma ta' diversi gruppi ta' donaturi tad-demm twaqqaf Ċentru modern tat-Trasfużjoni tad-Demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, biex l-Għawdxin ikunu jistgħu jagħmlu l-għotjiet tad-demm tagħhom f'Għawdex stess.Dan iċ-Ċentru ġie inawgurat fis-17 ta' Frar tal-1996. Kienu diversi dawk l-Ghawdxin li fehmu l-importanza ta' dan il-ġest kbir ta' karità kif jixhdu in-numru kbir ta' donaturi Ghawdxin li qed jiżdiedu minn sena għall-oħra. Fis-sena 2002 kien hemm 1863 donazzjoni.

Fl-okkażjoni tal-Jum Mondjali tad-Donaturi tad-Demm nixtieqU nappellaw lil dawk l-organizazzjonijiet u ndividwi Għawdxin biex jorganizzaw gruppi ta' donaturi biex matul is-sena kollha l-provista tad-demm tkun adegwata mal-ħtiġijiet li jistgħu jinqalgħu minn ħin għall-ieħor. Tajjeb li ninsistu ukoll li din l-għotja m'ghandniex inħalluha għal darba biss kultant, imma issir impenn kontinwu ta' attenzjoni u mħabba għall-oħrajn.

Biex jiġi mfakkar il-Jum Mondjali tad-Donaturi tad-Demm, l-Għaqda Donaturi tad-Demm t'Għawdex tixtieq tistieden lid-Donaturi kollha Ghawdxin għall-quddiesa ta' Radd il-Ħajr li ser titmexxa minn Mons. Isqof Nikol Cauchi fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju fis-7.30p.m. Wara ikun hemm *drinks* għal kulħadd. Iktar informazzjoni tista tinkiseb miċ-Ċentru Pastorali "Ragħaj it-Tajjeb", fuq in-numru 21551966

### Lista ta' Donazzjonijiet tad-Demm f'Għawdex fis-sena 2002:

Victoria; 457
Nadur 253
Xagħra 237
Xewkija 184
Għajnsielem 114
Sannat 102
Kerċem 85
Qala 78
Żebbuġ 72
Munxar 70
Għarb 65
San lawrenz 53
Fontana 42
Għasri 19
Marsalforn 19
Ħad-Dingli 5
Santa Luċija 3
Naxxar, Siġġiewi, Żurrieq, Marsascala, Mosta 1





CAR STEREOS
HI-FI EQUIPMENT
SAT. SYSTEMS
TV SETS & AERIALS

Fortunato Mizzi Street, Victoria VCT 111, Gozo Malta.
Tel / Fax: 21 556455 Mob: 7949 4716

# int u saħħtek



## L-Antibiotiċi

Il-*penicillin* kien l-ewwel antibiotiku li kien skopert fl-1952 minn Sir Alexander Fleming f'Oxford, l-Ingilterra. Minn dak in-nhar 'il hawn instabu diversi antibiotiċi oħra li kollha taw sehemhom fil-kura tal-mard u salvaw mill-mewt eluf kbar ta' nies. Dan l-avvanz fil-qasam tal-farmaċija u tal-mediċina wassal biex tinħoloq aspettattiva falza fejn il-pubbliku jippretendi li hemm pillola għal kull xorta ta' inkonvienjent u jistenna li l-pillola li jordnalek it-tabib tfejqek fi ftit minuti. Din il-mentalità ta' "*cure-all*" u "*instant satisfaction*" qed tikkawża abbuż mill-użu ta' ċerti mediċini, speċjalment dawk li jistgħu ikunu akkwistati b'xejn permezz tas-servizz nazzjonali tas-saħħa.

L-użu bl-addoċċ ta' dawn il-mediċini qed jikkawża spejjes kbar lill-pajjiż. Apparti l-aspett finanzjarju li huwa importanti ukoll, għaliex r-risorsi tagħna bħala pajjiż żgħir huma limitati, hemm l-aspett mediku. Dan huwa iktar inkwetanti għax biż-żmien qegħdin insibu li dawn il-mediċini mhux qed ikollhom l-effett meħtieġ. Dan minħabba li qed jintużaw ta' spiss u f'kundizzjonijiet fejn ma hemmx bżonnhom. Fi kliem ieħor qed jintużaw ħażin. Dan l-abbuż qed iġib ħsara billi ftit ftit qed nitilfu l-użu ta' antibiotiċi tajbin. Fejn qabel kienu jaħdmu mill-ewwel kontra ċerti mikrobi, illum ma għadhomx ikunu effettivi. Bħala tabib prattikanti nammetti li dan l-abbuż qed naqgħu vittma tiegħu aħna stess it-tobba. Dan qed ngħidu għax ħafna drabi qed inkunu "imġiegħla" mill-pazjenti stess nippreskrivu antibiotiċi f'każijiet fejn ftit *panadols* jew xi mistura kontra s-sogħla tkun suffiċjenti. Din hija prattika ħażina u akkost ta' kollox irridu nikkumbattuha. Illum it-tobba jkunu bbumbardjati minn kumpaniji tal-mediċini li kontinwament jirriklamaw, biex ngħid hekk, permezz tar-rappreżentanti tagħhom dawn l-antibiotiċi. Ħafna drabi dawn tant ikunu ippreparati li jikkonvinċuk faċilment biex tuża l-prodott tagħhom. Dan l-aspett kummerċjali huwa periklu ieħor li t-tobba jridu jikkumbattu l-ħin kollu. Ċerti mediċini huma tajbin u alla ħares li ma kellniex lilhom, iżda dejjem jibqa' il-prinċipju li wieħed jużahom biss meta jkun hemm bżonn.






Issa biex inkun għedt kollox, mhux l-ewwel darba li ssib pazjenti li għal kull għatisa jmorru jixtru kaxxa antibiotiċi. Hawn irridu ngħidu li l-bejgħ ta' kwalunkwe pillola mingħajr riċetta tat-tabib hija kontra l-liġi. Meta mbagħad jiġu għand it-tabib għax ma jkunx għaddilhom, issib li wara kollox dawn ma kellhom bżonn xejn antibiotiċi, għax l-influwenza li

għandhom hija kkawżata minn *virus*. Kullħadd jaf li l-antibiotiċi ma' jaħdmux kontra l-*virus*. L-agħar ikun meta l-influwenza tkun ikkomplikata minn xi riħ u għalhekk ikun hemm bżonn l-antibiotiċi. Peress li huma jkunu ġa ħadu xi tip ta' antibiotiku ssib li jew ħadu doża żgħira, jew ħaduħ għal xi jumejn jew tlieta biss jew ikunu ħadu xi fdal ta' xi pakkett antibiotiċi li kien fadlilhom d-dar. Mhux talli hekk, talli minn pakkett wieħed jinqeda xi membru ieħor tal-familja li kellu s-sintomi ta' l-influwenza wkoll u għalhekk nispiċċaw li l-pakkett naqsmuh bejn tnejn! Hawn irrid insemmi l-użanza li nżomm pakkett antibiotiċi d-dar qishom dawn kienu xi *panadols*! Anke l-*panadols* jistgħu jkunu perikolużi, aħseb u ara l-antibiotiċi! Jiena niftakar meta ħafna snin ilu kont għandni naħdem St Luke's u kollega tiegħi beda jieħu żewġ *panadols* wara xulxin, sakemm meta kien diġa bela' sitta biss instabat ma' l-art. B'xorti tajba kien sab l-għajnuna minn sħabu t-tobba u ma kienx hemm konsegwenzi. Dan biex nurikom li anke *panadols* jista' jkollhom effett ħażin fuqna. Ta' min igħid ukoll li meta nieħdu l-antibiotiċi, apparti li rridu dejjem neħduhom bir-riċetta tat-tabib, rridu nsegwu eżatt kif u għal kemm irridu neħduhom. L-antibiotiċi mhux kollha huma l-istess. Hemm min trid tieħdu qabel l-ikel, hemm min waqt l-ikel u hemm min wara l-ikel. Huwa importanti li żżomm il-ħin ta' bejn pillola u oħra, u li trid tgħid lit-tabib l-ewwelnett jekk intix allerġiku għal xi tip ta' antibiotiku u t-tieni jekk intix tieħu xi pilloli oħra . Dawn kollha huma dettalji li huma importanti ħafna. Dan igħodd għal kull tip ta' mediċina li jordnalna t-tabib. Il-mediċini kollha jħallu xi effett fuqna, kemm ħażin u kemm tajjeb.

Għalhekk huwa importanti ħafna li nħallu f'idejn it-tabib biex jiddeċiedi huwa jekk nieħdux antibiotiċi jew le għal dak li jkollna. Ngħidilkom li mhux faċli li tiddeċiedi u għalhekk ma nagħmlux xogħol it-tabib iktar diffiċli billi, jew ngħidulu qabel ma jkun għadu invistana li ma rridux antibiotiċi jew bil-kontra, ninsistu biex jagħtina l-antibiotiċi meta



forsi huwa jidhirlu li ma hemmx bżonn. Mhux l-ewwel wieħed li jiġi għand it-tabib b'xi influwenza u jgħidlek: "Tini xi ħaġa qawwija (ġeneralment ikun jistenna xi antibiotiku) biex tgħaddili malajr"! Mur għidlu li l-influwenza trid iż-żmien tagħha u l-ebda antibiotiku mhu ser ifejjaqha. Oħrajn igħidulek: "Agħtini l-antibiotiċi għax ma nistax nieqaf mix-xogħol"! Dawn kollha huwa affarijiet kontra n-natura. Jekk inti għandek fiduċja fit-tabib ħallih jiddeċiedi huwa jekk jagħtikx antibiotiċi jew le. Min-naħa l-oħra, billi taqbad tieħu l-antibiotiċi minn jeddek ħsara tista' tagħmel. U jekk tmur għand it-tabib u ma jordnalekx antibiotiċi għid li inti xortik tajba!

(*L-email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt*)

Ta' Pawlu



Bar &
Restaurant
*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382
**4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.**

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE




jikteb
Joe Bajada

# Waslet l-għaxar edizzjoni tal-Logħob għal Pajjiżi ż-Żgħar



Malta 2003

Il-Kumitat Olimpiku Malti bħalissa qed jagħmel l-aħħar tħejjijiet għal dak li żgur ser ikun l-avveniment ewlieni sportiv tas-sena. Għal dan il-logħob li ser jsiru bejn it-2 u s-7 ta' Ġunju li ġej fejn diversi atleti jipparteċipaw għal din l-għaxar edizzjoni tal-"Logħob għal Pajjiżi ż-Żgħar". Hemm diversi kompetizzjonijiet sportivi li ser jiġu organizzati u li għalihom eluf ta' Maltin u mijiet ta' barranin mistennija li jattendu fi stadia differenti f'Malta u f'Għawdex. Iva, anke l-gżira Għawdxija reġgħet ġiet magħżula bħala waħda mill-postijiet fejn ser jiġi organizzat sport partikolari. Niftakkru li fl-edizzjoni tal-1993, f'Għawdex kienet saret il-kompetizzjoni tal-*Judo*. Fil-jiem li ġejjin ser ikun it-*table tennis* li ser jinżamm fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat Għawdex.

Lura lejn il-bidu ta' dan il-Logħob tajjeb li ngħidu li l-idea li isir dan it-tip ta' Logħob għal Pajjiżi ż-Żgħar fl-Ewropa kienet waħda purament Maltija. Kien Bertie Muscat, dak iż-żmiem Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Olimpiku Malti, li ħareġ b'din l-idea. Huwa kien beda jaħseb fuq dan it-tip ta' logħob fl-1981 u ħames snin wara, l-proposta tiegħu kienet ġiet diskussa fil-Kungress tal-AENOC li kien inżamm f'San Marino. Aktar tard imbagħad kien hemm diskussjonijiet oħra fuq l-istess tema waqt Kungress tipiku ieħor li kien sar f'Los Angeles. Għalhekk nistgħu mingħajr tlaqlieq insejjħu lil Bertie Muscat bħal l-missier ta' dan il-logħob. Apparti dan, Bertie Muscat huwa personalità magħrufa ferm fix-xena sportiva internazzjonali u attwalment huwa s-Segretarju Ġenerali tal-LEN li hija l-Għaqda Internazzjonali Ewropeja li tieħu ħsieb l-organizzazjoni tal-Għawm u *Waterpolo*.



Fil-bidu l-problema prinċipali kienet waħda ta' natura finanzjarja. Iżda l-President tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali ta' dak iż-żmien Juan Antonio Samaranch kien aċċetta li l-pajjiżi parteċipanti jingħataw xi tip ta' għajnuniet kemm finanzjarji kif ukoll morali. F'dan il-logħob jistgħu jipparteċipaw fih pajjiżi b'inqas minn miljun ruħ. Fil-bidu l-ebda pajjiż ma xtaq jorganizza dan il-logħob minħabba l-aspett finanzjarju. Iżda meta mbagħad waslet l-għajnuna mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, t-twellid ta' dan il-logħob sar realtà. L-iskop

prinċipali ta' Bertie Muscat meta faqqas il-ħsieb tiegħu kienet li joffri kompetizzjoni bilanċjata, mezz għall-iżvilupp ta' l-infrastruttura sportiva f'kull pajjiż żgħir fl-Ewropa u sfida qawwija għall-kapaċità ta' l-organizzaturi. L-ewwel edizzjoni kienet saret fl-1985 f'San Marino. Dan il-logħob bejn tmien pajjiżi żgħar ta' l-Ewropa issa daħal sew fil-kalendarju ta' l-isport Ewropew u bla tlaqliq ngħid li dan kiber iktar milli kien mistenni fi żmien rilettivament qasir.

Huwa ta' min ifaħħar l-organizzazjoni tal-Kumitat Olimpiku Malti li ser jerġa jorganizza avveniment ta' din id-dimensjoni Ewropeja. Ikun xi jkun ir-riżultat għall-atleti Maltin, Malta għandha għalfejn tkun kburija li kienet kapaċi torganizza dan il-logħob għat-tieni darba. Wieħed jista jissoponi x'se tqum din il-ġimgħa ta' attivitajiet meta tikkunsidra li mijiet ta' atleti u uffiċjali barranin ser ikunu ospitati f'pajjiżna. Anke minn naħa tagħna Għawdxija, hemm Kumitat ikkordinat minni flimkien ma' numru oħra ta' voluntiera li ser jgħinu waqt il-logħob tat-*table tennis* li ser jinżamm fostna. .Ma' dawn hemm ukoll numru ta' ditti li mhux għax kien ukoll għall-għajnuna tagħhom kieku żgur li l-Kumitat Olimpiku Malti ma kienx jasal biex jorganizza dan l-avveniment sportiv. Wieħed ukoll irid isemmi s-sehem tal-Ministeru għal Għawdex li offra diversi għajnuniet flimkien mal-Ministeru għall-isports fl-organizzazjoni ta' din l-edizzjoni.



L-investiment ta' miljuni ta' liri li ntefqu fil-preparazzjoni għal dan il-logħob huwa validu. Iż-żgħażagħ tagħna kull ma jonqoshom biss issa hija r-rieda li trid tkun waħda qawwija biex b'taħriġ serju jiksbu l-aħjar riżultati possibbli. Huwa validu wkoll għax issa iktar minn qatt qabel pajjiżna jista jattira iktar dak it-turiżmu li jissejjaħ sportiv, fejn dawn it-tip ta' atleti jkunu jistgħu jiġu fostna jitħarġu u jipprattikaw l-isport rispettiv tagħhom meta ma jkunux jistgħu jagħmlu dan f'pajjiżhom minħabba l-klima.

Għalhekk kollox nistgħu ngħidu li jinsab lest. Is-siegħa tar-realtà waslet. Il-poplu Malti u Għawdxi jistenna l-aħjar riżultati mill-atleti tagħna. Se jikkompetu f'pajjiżna b'vantaġġ klimatiku u ta' kundizzjonjiet domestiċi. Però ma rridux nilludu ruħna u nieħdu b'xi garanzija li dan il-vantaġġ huwa biżżejjed biex jagħtina riżultati favorevoli. Jiena m'għandi l-ebda dubju li l-atleti tagħna qed jippreparaw bis-sħiħ għal dan il-logħob bl-intenzjoni unika li jgħatu wirja li twassalhom għaż-żona tal-midalji.



M'hemmx dubju min-naħa l-oħra li dak li jagħmel sabiħ dan il-logħob hija l-parteċipazzjoni tal-pubbliku li hu ferm importanti, l-ewwel biex jagħti dehra isbaħ lill-faċilitajiet u biex mbagħad jingħata s-support meħtieġ lill-atleti Maltin. Id-dħul għall-avvenimenti kollha se jkun b'xejn u għalhekk dan m'għandux ikun ta' tfixkil biex il-pubbliku jattendi.

Nispiċċa dan l-artiklu billi nappella lill-Għawdxin kollha biex fil-jiem li semmejna fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju li ġej, jattendu l-Kumpless Sportiv fir-Rabat biex jgħatu s-sapport kollu tagħhom lill-players Maltin, u j'alla li Għawdex jerġa jġib fortuna fir-rebħ ta' midalji għal Malta. Niftakru li għaxar snin ilu kienu ntrebħu sitt midalji (waħda tad-deheb, waħda tal-fidda u erba' tal-bronż) f'Għawdex. Dik tad-deheb kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha għal Malta f'dik il-ħames edizzjoni, fejn min-naħa tiegħi personali anke kelli x-xorti li nkun l-ewwel wieħed li nħabbar fuq il-media lokali dak is-suċċess li kienet kisbet Jacqueline Xuereb fit-52 kg. Nawgura lill-assoċjazzjonijiet parteċipanti u lill-atleti kollha li jgħatu l-aħjar wirjiet tagħhom biex jinkisbu numru rekord ta' midalji. Ftakru biss li s-suċċess tagħkom huwa s-suċċess ta' Malta. Minn qalbi nawgura festa ta' ferħ sportiv lil kulħadd. Forza Malta!


Links Travel

*Malta's Leading Tour Operators*

LINKS TRAVEL LTD. are Gozo Representatives for HAMILTON TRAVEL

47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.

*Tel:* 356 2156 0180, 356 2155 6476 *Mob:* 9949 5700 *Fax:* 356 2156 0181

*Email:* travel@linksmalta.com *Web:* www.linksmalta.com

HAMILTON TRAVEL CO. LTD



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Tinstab fossila ta' ras ta' dinosawru*

Il-pulizija fl-ajruport ta' Ezeiza fi Buenos Aires baqgħu skantati hekk kif daħlu jispezzjonaw *container* u sabu fossila enormi ta' ras ta' dinosawru. Il-fossila kienet ser tintbagħat l-Isvizzera. Suppost illi fil-container kien hemm b'kemm jiswew Lm16 f'ġebel. *Detectives* Arġentini qalu li m'għandhom l-ebda idea minn fejn inqalgħet din ir-ras. Biex l-istorja tkompli tisbieħ, fl-istess *container* instabu għadd ta' bajd ta' dinosawri. Esperti jgħidu li l-materjal huwa awtentiku u jġorr valur imprezzabli.

### *Arrestat wara li pprova jimpressjona*

Sewwieq ta' mutur fi Florida ġie arrestat wara li pprova jagħmel *stunt* bil-mutur tiegħu fi triq ippakkjata bin-nies u bi traffiku. Ir-raġel, Jeff Hackett ta' 28 sena, huwa membru tal-grupp *MI Xtreme* - " klabb illegali ta' dilettanti tal-muturi" li jippruvaw jagħmlu għeġubijiet bil-muturi tagħhom. Hackett ipprova jitla' fuq għadd ta' karozzi u jagħmel qabża fl-ajru. Fil-frattemp sħabu kellhom jirreġistraw il-mossi tiegħu fuq *video*, li imbagħad, kellu jinbiegħ.

### *Ħalliel nadif u stramb*

Hekk iddiskrivew il-pulizija ta' Mandeville, f'Louisiana. Il-każ seħħ ftit tal-ġimgħat ilu. Ħalliel daħal f'dar, kinisha, naddaf il-kmamar kollha u fl-aħħar seraq ftit tal-flus. Ħa *shower*. Qaxxar id-daqna u biddel ħwejjġu. Qabel ħareġ ħasel it-twieqi ta' mal-bieb u telaq għal triqtu.

### *Ikel b'xejn għat-truppi Ingliżi*

It-truppi Ingliżi li fix-xhur li għaddew kienu l-Iraq u li issa bdew jirritornaw id-dar, qed jirċievu trattament speċjali f'diversi ristoranti. Biżżejjed ngħidu li ristorant Indjan fi Newcastle qed joffri ikel b'xejn lis-suldati Ingliżi għal ħames snin li ġejjin. Sid ir-ristorant *Bigg Market*, Abdul Latif ta' 47 sena, qed jistieden lis-suldati u lill-familji tagħhom biex kull meta jridu, f'dawn il-ħames snin li ġejjin, imorru fir-ristorant u jieklu ikla b'xejn. Ma nafx jafx, però, li kien hemm 45,000 Ingliż stazzjonati fl-Iraq fix-xhur li għaddew!

### *Ħabs speċjali fir-Rumanija*

Il-Gvern tar-Rumanija ħabbar li ser jonfoq tliet miljun lira sterlina biex jibni ħabs ġdid, ultra-modern, biex jikkumbatti l-kriminalità fost il-priġunieri stess. Il-ħabs il-ġdid ser jinbena f'Bucharest u ser jinkludi sistema ta' sigurtà li se tiġi tiswa aktar minn miljun lira sterlina. Kelliem tal-Gvern Rumen qal li hija ħaġa magħrufa li wħud mill-kriminali jkomplu jmexxu l-attività tagħhom anke miċ-ċella stess. Però bil-ħabs il-ġdid dan mhux li mistenni jkun aktar possibli.



***Kif kien il-'Breakwater' tal-Port il-Kbir . . .***

***Dan ir-ritratt, meħud 75 sena ilu, juri l-'breakwater' kif kien qabel ma tfarrak fl-aħħar Gwerra Dinjija. Fit-22 t'April li għadda l-'breakwater' għalaq 100 sena mindu tqegħdet l-ewwel ġebla tiegħu mir-Re Dwardu VII fl-1903. (Bil-kortesija ta' "Bieb Bieb", San Ġiljan, Malta)***



Skont
ta'
10%
fuq kotba
mill-isbaħ
għat-tfal
...dejjem!
LUMEN CHRISTI
BOOKSHOP
Victoria, Gozo - tel. 2156 0496
366 Bible Stories
Classic Enid Blyton Stories
Know the World of
ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
World History Encyclopedia
Millennium Edition
Science Experiments
366 Fairy Tales
My Big Fun Book of Numbers
Children's World Atlas
Europe
The European Community and how it works
365 Talba Għat-Tfal
L-Bibbja Għat-Tfal
L-Istorja ta' Ġesù
miktuba għat-tfal
The Illustrated Flag Handbook




PEG PUBLICATIONS

**Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd**

P.E.G. Building, UB7 Industrial Estate, San Gwann
Tel: (+356) 21 4490 540, 21 449 043 Fax: (+356) 21 488 908
http://www.peg.com.mt e-mail: contact@peg.com.mt